SIGNUM FIDEI

*Ħajja ta' Xhieda u ta' Fidi*

# LULJU 2020





***Signum Fidei***
Ħajja ta' Xhieda
u ta' Fidi

**- LULJU 2020 -**

**S. Ġwann Battista De La Salle**
**Fundatur**

**Familja Lasalljana**

**EJJEW NIFTAKRU LI QEGĦDIN**
**FIL-PREŻENZA QADDISA T'ALLA.**
**EJJEW NADURAWH**

San Ġwann Battista de La Salle

## Il-Fehma tal-Papa Franġisku għax-xahar ta' Lulju:

**Tema:** Għall-familji tagħna

**Nitolbu:** Nitolbu biex il-familji tal-lum isibu min jimxi magħhom bl-imħabba, rispett u sens ta' direzzjoni.

**Dati importanti għax-xahar ta' LULJU:**

It-3 ta' Lulju: San Tumas Appostlu
Is-16 ta' Lulju: Il-Madonna tal-Karmelu
Il-25 ta' Lulju: Jum il-Vokazzjonijiet għall-Istitut Lasaljan
Is-26 ta' Lulju: Sant'Anna u San Ġwakkin – ġenituri tal-Verġni Marija

**Nota importanti:**
Din il-ħarġa ta' Lulju issa hija aċċessibbli minn fuq il-*website* http://signumfideimalta.wordpress.com.

**L-Erbgħa, l-1 ta' Lulju**
San Nikasju - martri
Il-Beatu Rajmondu Lull - martri
Il-Beatu Nazju Falzon - kjeriku sekulari

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għamos 5: 14,15,21-24 | Warrbu minni l-għajjat tal-għana tagħkom; ħallu l-ġustizzja tgelgel bħal wied ta' dejjem. |
| 2. Salm 49 : 7-13,16,17 | Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla. |
| 3. Mattew 8: 28-34 | Ġejt hawn biex taħqarna qabel iż-żmien? |

**IL-BEATU INJAZJU FALZON (1813-1865) - kjeriku**

- Nazju Falzon twieled fl-1 ta' Lulju 1813 fil-belt Valletta, minn ġenituri magħrufa għall-onestà u t-tjubija tagħhom. Missieru kien l-Avukat Ġużeppi Falzon li wara laħaq imħallef; u ommu, is-Sinjura Marija Tereża Debono. Nazju ġie mgħammed l-għada li twieled, fil-Knisja ta' San Duminku tal-Belt.
- Kien tifel intelliġenti u mexa ħafna 'l quddiem fl-iskola, mhux biss fi grad elementari u sekondarju, iżda wkoll fl-università fejn studja kemm il-Liġi kif ukoll it-Teoloġija. Meta kellu 21 sena kien diġà kiseb lawrja ta' avukat u oħra fit-Teoloġija.
- Minħabba l-umiltà tiegħu, Nazju ma riedx isir saċerdot u ħa biss l-ordnijiet minuri fl-1831. Kellu żewġ ħutu saċerdoti Mons. Kalċidon u Mons. Franġisk, kamrier sigriet tal-Papa. Il-fidi kbira tiegħu kienet tidher fil-qima li kellu lejn Ġesù fl-Ewkaristija. Anke meta kellu l-istudju u l-eżamijiet qatt ma ħalla l-quddiesa u t-tqarbina ta' kuljum. Kien iżur diversi knejjes fl-istess jum biex jinviżta lil Ġesù Sagramentat u skont ix-xhieda ta' Patri Franġiskan, Nazju ġieli dam tliet sigħat għarkupptejh quddiem it-tabernaklu.
- Nazju Falzon f'ħajtu għamel ħafna karità moħbija; ġieli bagħat il-flus lil xi familji u foqra u dejjem iwissihom biex ma jgħidu lil ħadd. Iżda wara mewtu xandru ma' kullimkien il-ġenerożità tiegħu.
- Il-karità spiritwali li kellu l-Beatu Falzon dehret fuq kollox fit-tagħlim tad-duttrina li kien jagħti mhux biss lit-tfal, iżda wkoll lill-kbar: mas-suldati u mal-baħrin Ingliżi, Nazju wettaq appostolat ta' konverżjonijiet, wassalhom biex jaċċettaw il-Fidi Nisranija. Flimkien ma' ħuh Mons. Kalċidon, wassal iktar minn 600 żagħżugħ u rġiel għall-konverżjoni, kemm Protestanti kif ukoll xi Lhud u Għarab. Ħadem ħafna wkoll għall-vokazzjonijiet, kien devot kbir tal-Imqaddsa Verġni Marija u sa mewtu, minn mindu kellu 7 snin ħa d-drawwa li jirreċta 15-il posta tar-Rużarju ta' kuljum. Kien jitkellem bl-ikbar ħeġġa fuq il-qawwa tar-Rużarju Mqaddes. Kellu wkoll devozzjoni tal-ħames salmi, barra milli kien jgħid kuljum l-uffiċċju ż-żgħir tal-Madonna.
- Huwa miet fl-1 ta' Lulju 1865 proprju dakinhar li għalaq 52 sena. Xħin qam filgħodu, ħassu ma jiflaħx, għalhekk qal lil ħuh, *"Għażiż ħija, ser nitolbok, li*

*llum ma tħallinix".* Wara li għamel xi ħin jitlob, assistit minn ħuh, ħalla din d-dinja u ngħaqad m'Alla għal dejjem.

- Ġie bbeatifikat f'Malta nhar id-9 ta' Mejju tas-sena 2001, mill-Papa San Ġwanni Pawlu II fl-għeluq tal-pellegrinaġġ ġubilari tiegħu fuq il-passi ta' San Pawl, li ħadu wkoll fil-Greċja u s-Sirja.

**Riflessjoni:**

Billi saffa ż-żewġt irġiel ta' Gadarin mix-xjaten, Ġesù għamel xi ħaġa sewwa u meraviljuża; għaliex allura n-nies t'hemmhekk talbuh bil-ħniena biex jitlaq mill-inħawi tagħhom? Huma fehmu li l-ħaġa tajba li għamel Ġesù kienet ħażina għan-negozju tagħhom; kienu iktar interessati fil-ġid tad-dinja milli li jkunu safja u ħielsa mill-ħażen. Huma lesti jaduraw lix-xitan biex jakkwistaw u jaħkmu l-ġid materjali, u ma jerħuhomx lanqas għal skopijiet aktar nobbli. Naturalment kif jgħid Ġesù, wieħed ma jistax jaqdi kemm lil Alla kif ukoll lir-regħba tal-flus fl-istess ħin. U tassew li *"l-ħbiberija mad-dinja hija l-għadu ta' Alla"* (Ġakbu 4:4). **Kull darba li nikkompromettu l-fedeltà tagħna għat-tagħlim ta' Ġesù, m'aħniex qegħdin inpoġġu l-imħabba tad-dinja fuq l-imħabba ta' Alla?**

Addattata mill-ktejjeb, *My Daily Gospel, 2020*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 3, silta mit-3 punt**

*Although in this life we sigh under the weight of our bodies and long to be free of this burden, it is God who created us for this very purpose and who gave us his Holy Spirit as a pledge. It is, then, up to God to direct our path straight toward heaven, so that we may surely arrive there. For this reason, it was as the Son of God that Jesus Christ became the Author of our eternal salvation.*



**TALBA**

*Ġesù nitolbok biex,*
*għad li ma jistħoqqlix,*
*tagħmel il-ġid lill-oħrajn xi kultant permezz tiegħi.*
*Hawn huma jdejja, Mulej, fejjaq bihom lill-oħrajn.*
*Hawn hi qalbi Mulej, ħobb lill-oħrajn permezz tagħha.*
*Hawn huma widnejja Ġesù, inqeda bihom biex tisma' lill-oħrajn.*
*Ħu riġlejja Mulej, biex tmur 'l hawn u 'l hemm tagħmel ġid lill-oħrajn.*
*Hawn hu moħħi, Ġesù, biex bih taħseb fl-oħrajn.*
*Hawn huma għajnejja, Mulej, biex b'ħarstek tfarraġ lill-oħrajn.*
*Hawn hu lsieni, Ġesù, biex tkellem bil-ħlewwa lill-oħrajn.*
*Aħdem bija Mulej, biex ħuti jsibuk u jħobbuk għal dejjem.*
*Ammen.*

Fwar tal-Qalb – R. Gauci

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, it-2 ta' Lulju**
Il-Qaddisin Bernardino Realino, Franġisk Reġis u Franġisk de Goromino
Il-Beatu Giljan Maunon u Anton Baldinucci – presbiteri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għamos 7: 10-17 | Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi. |
| 2. Salm 18 : 8-11 | Il-ġudizzji tal-Mulej sewwa, u mseddqa għal kollox. |
| 3. Mattew 9: 1-8 | Qabdu jfaħħru lil Alla li ta setgħa bħal din lill-bnedmin. |

**SAN BERNARDINO REALINO (1530-1616) – saċerdot u Ġiżwita**

- Dan il-qaddis twieled f'Carpi, fl-Italja. Bħala żagħżugħ, beda jistudja għal tabib f'Bolonja, imma mbagħad, biex jogħġob lil ċerta Cloride, xebba bil-għaqal u reliġjuża ħafna, li lejha kien miġbud, mill-kors tal-mediċina qaleb għall-kors tal-liġi. Ħa l-lawrija ta' avukat ta' 26 sena, u billi kien kapaċi, okkupa karigi ċivili importanti. Serva wkoll bħala sindku f'diversi bliet fejn wera ħila kbira.
- Cloride mietet ta' 28 sena, u l-mewt tagħha ħassha ħafna. Hu jirrakkonta li darba dehritlu u qaltlu biex ineħħi s-swied il-qalb li waqa' fuqu u għenitu jerfa' qalbu u ħsiebu lejn Alla.
- Tħajjar jidħol mal-Ġiżwiti, imma missieru xtaqu ma jagħmilx dak il-pass biex ikun jista' jdur bih sakemm imut. Talab id-dawl lill-Madonna li lejha kien ħafna devot, u ħass li ma kellux jibqa' jistenna. Għalhekk kiteb ittra twila lil missieru u talbu jagħmel miegħu dak is-sagrifiċċju tal-firda u bil-barka ta' missieru ta' 34 sena daħal mal-Ġiżwiti.
- Għall-umiltà tiegħu, u biex ikollu aktar ċans jitlob, xtaq jibqa' sempliċi fratell, imma s-superjuri tiegħu ħasbuha mod ieħor, u fi żmien tliet snin ħa l-quddiesa, u kien magħżul surmast tan-novizzi. Iż-żmien battal li kien jifdallu kien iqattgħu jgħallem id-duttrina lit-tfal u jżur il-ħabs u l-isptarijiet.
- Wara għaxar snin f'Napli, intbagħat f'Lecce f'Apulia fejn għadda l-aħħar 42 sena ta' ħajtu. Meta kien ilu hemm biss sentejn ta bidu biex jibni knisja u jwaqqaf ukoll kulleġġ. Iżda x-xogħol ewlieni tiegħu malajr sar id-direzzjoni tal-erwieħ speċjalment fil-konfessjonarju.
- Fi xjuħitu kien mogħni b'doni sopranaturali bħal viżjonijiet, setgħa li jfejjaq u li jagħmel il-profeziji. Il-poplu ta' Lecce kien tant iħobbu, li meta kienet tiġri x-xniegħa li kienu se jitrasferuh band'oħra kienet tqum il-belt kollha biex jibqa' magħha.
- Bernardino Realino kien igawdi tant fama kbira ta' qaddis li, huwa u jmut, il-maġistrati tal-belt talbuh li jaċċetta li jkun il-patrun tagħhom fis-sema, u hu baxxa rasu bħala sinjal li jaċċetta, u n-nies ukoll talbu lill-isqof biex kif imut tinbeda l-kawża tal-beatifikazzjoni tiegħu.
- Il-qaddis miet ta' 85 sena fit-2 ta' Lulju 1616. Piju XII iddikjarah qaddis fl-1947.

**Riflessjoni:**

Kristu mhux biss jista', permezz tal-grazzja, jerfagħna u jneħħilna l-piż tad-dnub, imma jista' wkoll jiġġustifikana, jiġifieri jagħmilna qaddisin, fi kliem ieħor, jimliena bil-ħajja divina u jġorrna għand il-Missier fil-Ġenna, daqslikieku wliedu. Hu bil-fidwa li aħna nsiru wlied Alla, bħalma kienu l-bnedmin ta' qabel il-waqgħa fid-dnub.

Santa Tereża Beneditta tas-Salib (Edith Stein)

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 71, silta mill-1 punt**

*It sometimes happens that God's servants find themselves in a kind of inability to do good, whether because of temptations they can barely resist, because of interior trials, or because of the strength of their passions. This is illustrated for us by the paralytic spoken of in today's Gospel.*

*Such people do not find it easy to go to God, for lack either of light or of help from those who guide them. Sometimes this type of trial also lasts a long time. God leaves souls in this situation to make them experience the fact that they can do nothing without him. They cannot take the steps needed to approach him unless they are helped by his grace, but, on the contrary, they can do everything when God strengthens them.*

*They must, then, patiently wait until Jesus passes by, bringing a remedy for their ills. Because he has won for us the grace of redemption, he knows how to strengthen our soul and to give back the movement it has lost.*

*We must make sure only that we are faithful to be carried to Jesus Christ when he passes by, as did this paralytic lying on his stretcher, being content to endure his infirmity until Jesus would cure him. In maladies of this sort, ordinarily, Jesus alone can bring a cure; all we can do is to watch over ourselves to avoid doing evil.*



**TALBA**

*Mulej Alla,*
*agħmel li l-ħolqien kollu tiegħek,*
*mill-aktar kwiekeb kbar u l-pjaneti*
*sal-inqas u l-iċken kreatura li nista' nara,*
*ifakkarni dejjem*
*biex ngħix fl-istagħġib.*
*Nirringrazzjak kontinwament*
*għal dak kollu li jinsab madwari.*
*Ammen.*

Br. Nicholas Hutchinson

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, it-3 ta' Lulju**
San Tumas Appostlu

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Efesin 2: 19-22 | Mibnija fuq is-sisien tal-appostli. |
| 2. Salm 116: 1,2 | Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba. |
| 3. Ġwanni 20: 24-29 | Mulej tiegħi u Alla tiegħi. |

**SAN TUMAS L-APPOSTLU (l-ewwel seklu)**

- Tumas bis-Sirjan tfisser "Tewmi" u bil-grieg "Didimus", kien sajjied fil-Galilija meta ġie msejjaħ minn Ġesù biex isir wieħed mit-tnax-il appostlu.
- Fost l-evnġelisti, San Ġwann biss jitkellem dwaru u jsemmih fi tliet ċirkustanzi fil-ħajja ta' Ġesù. Meta Ġesù kien sejjer fid-dar ta' Lazzru li kien għadu kif miet, l-appostli ppruvaw jipperswadu lil Ġesù biex ma jmurx għax beżgħu li jkun imħaġġar mil-Lhud. Imma Tumas qal lil sħabu: "*ħa mmorru aħna wkoll biex immutu miegħu*" (Ġw. 11, 8-16).
- Kien San Tumas li fl-aħħar ċena qal lil Ġesù meta tarrfilhom li kien se jħallihom: "*Mulej, ma nafux fejn sejjer; u kif nistgħu nafu t-triq?*" U Ġesù wieġbu bil-famuża sentenza: "*jien hu t-triq, is-sewwa u l-ħajja. Ħadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi*" (Ġw. 14,5-6).
- Imma aktarx li S. Tumas hu l-aktar magħruf għall-ġrajja ta' wara l-qawmien mill-mewt ta' Ġesù. Dakinhar li rxoxta Ġesù deher lill-appostli meta Tumas ma kienx magħhom. Meta l-appostli qalulu li kienu raw lil Ġesù mqajjem mill-mewt, hu rrifjuta li jemmen, anzi qal li jekk ma jdeffisx sebgħu fit-toqob ta' jdejh u ma jdaħħalx idu fil-pjaga ta' ġenbu ma kienx lest li jemmen. Iżda meta Ġesù dehrilhom tmint ijiem wara, Tumas għamel att ta' fidi li baqa' famuż matul iż-żminijiet: *"Mulejja, u Alla tiegħi.*" Santu Wistin josserva li Ġesù ppermetta dan in-nuqqas ta' fidi f'San Tumas biex isodd it-toqob tad-dubji tal-fidi tagħna.
- Hemm tradizzjoni antika ħafna li tgħid li wara l-inżul tal-Ispirtu s-Santu, S. Tumas mar ixandar l-Evanġelju fl-Indja tan-Nofsinhar, fejn jingħad ukoll li ħa l-martirju. Meta l-Portugiżi marru fl-Indja fis-seklu 16, sabu madwar 15,000 familja Nisranija fuq ix-xatt ta' Malabar li kienu jgħidu li l-antenati tagħhom saru Nsara wara li kien xandrilhom il-vanġelu l-appostlu San Tumas.
- Il-festa ta' San Tumas kienet issir fil-21 ta' Diċembru; mill-1969 bdiet issir fit-3 ta' Lulju.

**Riflessjoni:**

Hemm Insara li qishom jgħixu Randan mingħajr Għid. Nifhem li l-ferħ mhux kulħadd jgħixu bl-istess mod fl-istadji u ċ-ċirkustanzi kollha tal-ħajja, kultant iebsin mhux ftit. Dan jadatta ruħu u jinbidel, imma dejjem jibqa' tal-inqas bħala xaqq ta' dawl li ġej miċ-ċertezza personali li, lil hemm minn kollox, aħna maħbuba bi mħabba bla qies. Nifhimhom dawk il-persuni li iktar ixaqilbu lejn id-dwejjaq minħabba fid-diffikultajiet kbar li jkollhom iġarrbu, imma naqra naqra hemm bżonn inħallu jitqanqal fina l-ferħ

tal-fidi, bħal tama moħbija imma sħiħa, anki qalb l-eħrex diqa: "Ruħi nqatgħet missliem, il-ġid insejtu… Dan jien nhewden f'qalbi, biex b'hekk nittama. Il-ħniena tal-Mulej bla tmiem; tjubitu ma tonqos qatt. Jiġġeddu kull filgħodu, kbira l-fedeltà tiegħek… Tajjeb min jistenna fis-skiet, is-salvazzjoni tal-Mulej" (Lam. 3:17,21-23,26). Il-Papa Franġisku, silta mill-Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 84, silta mit-3 parti**

*Saint Thomas demonstrated his faith with distinction when henbrought the Gospel to the most distant lands and sealed it with his own blood. The profession of faith of this great Apostle was so effective that there are still many Christians in the country where he died who, to show that they are descendants of those who were formed as Christians by him, call themselves the Christians of Saint Thomas.*

*In vain do you believe what Jesus Christ proposes to you in the holy Gospel if your actions do not give proof of your belief; in such a case, your faith is in vain. Make it known by your actions that you are guide as a child of those who were instructed by the holy Apostles in the truths of the faith. Are you ready, as they were, to die to prove the good quality of your faith? Or on the contrary, might you not be disposed to lose the grace of God and heaven in order to escape suffering? How do you show that you possess the Christian spirit? Be assured that to possess it, your actions must not give the lie to the faith you profess but, instead, be a lively expression of what is written in the Gospel.*



**TALBA**
**Att ta' Fidi**

O *Alla tiegħi,*
*jien nemmen bi sħiħ li int Alla wieħed*
*fi tliet persuni divini,*
*il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*
*Jiena nemmen li Ibnek Divin sar bniedem,*
*miet għal dnubietna*
*u jerġa' jiġi biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u l-mejtin.*
*Jiena nemmen dan kollu u kull verità*
*li l-Knisja Mqaddsa Kattolika tgħallem,*
*għax inti li rrevelajthom*
*ma tqarraqx u lanqas tkun imqarraq.*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, l-4 ta' Lulju**
**L-Imqaddsa Verġni Maria f'Jum is-Sibt**
Santa Eliżabetta tal-Portugall
Il-Beatu Pier Giorgio Frassati – lajk dumnikan

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għamos 9: 11-15 | Inreġġa' l-poplu tiegħi Iżrael għal li kien, u nħawwilhom f'arthom. |
| 2. Salm 84: 9,11-14 | Il-Mulej is-sliem ixandar, għall-poplu tiegħu. |
| 3. Mattew 9: 14-17 | Huwa l-mistednin tal-għarus se jsewdu qalbhom sakemm l-għarus ikun għadu magħhom? |

**IL-BEATU PIER GIORGIO FRASSATI (1901-1925)**

- Pier Giorgio Frassati twieled fil-belt ta' Turin, fl-Italja, fis-6 ta' April 1901. Kien żagħżugħ mimli ħeġġa u jħobb il-ħajja. Kien iħobb l-isport l-aktar dak marbut mal-muntanja: u wkoll l-għawm, iż-żwiemel u ċ-ċikliżmu. Kien delettant tal-fotografija wkoll. Kien żagħżugħ modern.
- Missieru kien direttur tal-gazzetta Taljana *La Stampa*. Kien bniedem reliġjożament indifferenti. Hu ried li Pier Giorgio jidħol bħalu fil-ġurnaliżmu. Imma ż-żagħżugħ ried isir inġinier fil-minjieri, bl-għan li jkun f'qagħda li jgħin lill-ħaddiema, li dak iż-żmien kienu fi stat soċjali tal-biki. Dan l-għan biss kien li żammu milli jsir saċerdot.
- Filfatt kien żagħżugħ ta' karità kbira. Dejjem kien isib xi ħaġa għalihom. Akkost li jibqa' nieqes hu, kien jara kif jagħmel biex jgħaddilhom l-ikel, il-flus, il-mediċini u l-essenzjal għall-ħajja. Fejn jista' kien imur bil-mixi biex dak li jiffranka jgħaddihom lilhom.
- Dan it-taħbit fl-aktar postijiet mitluqa u mal-aktar nies miżerabbli tal-belt kien, tista' tgħid, il-kawża li minħabba fiha ħa l-marda tal-poljo. Din il-marda pparalizzatlu saqajh it-tnejn, u tant dgħajfitu li kaxkritu magħha fl-4 ta' Lulju 1925. Kellu biss 24 sena.
- Dawn is-snin però kienu biżżejjed biex sar qaddis. Mhux kemm tgħix li jgħodd imma kemm tqiegħed f'ħajtek intensità ta' mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu.
- Il-qdusija taż-żagħżugħ sportiv u allegro, Pier Giorgio Frassati, il-knisja għarfitha meta l-Papa San Ġwanni Pawlu II, fl-1990, iddikjarah beatu, u qiegħdu bħala mudell taż-żgħażagħ moderni, li bħalu jistgħu jgħixu fid-dinja, igawdu l-ħajja bl-onestà u l-għaqal, u fl-istess ħin ikunu miftuħa beraħ għal Ġesù Kristu.
- Il-papa sejjaħlu l-bniedem tat-Tmien Beatitudnijiet.

**Riflessjoni:**

Ġesu għarraf li ż-żmien mistenni biex titwettaq il-wegħda lil-Lhud kien wasal; Hu, il-mistenni Messija li jġib s-salvazzjoni. Hu jgħarraf fih innifsu xi jfisser is-simbolu tal-festa tat-tieġ li l-Mulej Alla uża (Is. 54:5-6) biex jiddeskrivi r-relazzjoni ta' mħabba li għandu mal-poplu magħżul minnu. Ġesù, l-għarus imwiegħed, wasal. Għalhekk huwa ta' importanza kbira, li tingħaqad mal-ħbieb tal-għarus biex miegħu tifraħ fil-festa tat-tieġ. Dan huwa żmien ta' ferħ, mhux ta' sawm u biki. Il-milja taż-żmien wasal u lkoll mistiedna nifirħu. Ġesù ġab miegħu ftehim ġdid, ħajja ġdida u spirtu ġdid. Dan jeħtieġ mentalità ġdida, il-qadim ma jistax jwaqqaf il-ġdid.

My Daily Gospel, 2020

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 70, silta mit-3 parti**

*How happy you would be if all your thoughts tended only to God and were only for God! Then you would have found your paradise in this world, because you would be engaged in the same activity as the saints, and the happiness that they are enjoying would be yours. True, there would still be this difference, that the saints see God clearly in his own nature, whereas we enjoy God only by faith. But this view of faith gives so much pleasure and joy to a soul who loves God that even in this life it has a foretaste of the delights of heaven.*

*Does your soul enjoy this benefit? If you are not fortunate enough to possess it, try to be devoted to God in your prayer and by frequent short prayers to procure this benefit. It is the greatest good you can enjoy in this world.*



**TALBA**

*O maħbuba kelma t'Alla,*
*għallimni nkun ġeneruż*
*biex naqdik kif tant jixraqlek,*
*biex nagħti mingħajr ma ngħodd il-prezz,*
*biex niġġieled mingħajr ma ngerger fuq il-weġgħat tiegħi,*
*biex naħdem bla heda*
*biex nagħti lili nnifsi bla ma nfittex ħlas,*
*għajr dak li nagħraf li qed nagħmel ir-rieda tiegħek.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, il-5 ta' Lulju**

L-Erbatax-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Żakkarija 9: 9-10 | Ara, is-sultan tiegħek ġej għandek ġust u rebbieħ. |
| 2. Salm 144:1,2,8-11,13,14 | Mulej, imbierek ismek għal dejjem. |
| 3. Rumani 8: 9,11-13 | Jekk tmewtu bl-Ispirtu l-għemil tal-ġisem, tgħixu. |
| 4. Mattew 11: 25-30 | Jien ta' qalb ħelwa u umli. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Il-fqar, il-maħqurin, l-imjassrin, iddur kemm iddur, il-Vanġelu kull darba jwassalna għandhom. Sakemm ma nidraw ma nistagħġbux li nsibu lil Alla fuq l-għatba ta' ħajjithom biex jurina fejn l-għerf għamel daru.
- Fil-fatt, Alla li hu l-milja tal-Għerf, jieħdu minn taħt ix-xeħħa u l-prużunzjoni tal-għorrief, setgħana sinjuri, u dawk li jiggvernaw id-dinja. Dawk li malli jakkwistaw xi ħaġa, li tixbaħ xi ftit lil dan l-għerf, iżommuha għalihom u jaqsmuha biss ma' dawk fl-istess livell tagħhom u jrekknu premjijiet, ċertifikati u lawreji, forsi għax jissuspettaw li l-uniku rikonoxximent li jgħodd tassew jista' ma jasal qatt. Bħall-kittieba u l-fariżej ta' żmien Ġesù, dawn jagħmlu minn kollox biex jinqatgħu mill-massa li jassru taħt il-madmad tal-liġijiet u dmirijiet, u lil dawk li ma jifilħux iġorruh iħalluhom għall-ġudizzju tal-"ġusti"!
- Minn hawn ma jkunx fadal wisq biex iniżżlu 'l-Missier Etern minn fuq it-tron tiegħu; fil-fatt jiftaħru pubblikament li ma jemmnux f'Alla imma fil-fatt jixtiequ jkunu floku biex – kif jgħidu – jeħilsu lill-eluf għajjiena u mjassra taħt kull tip ta' madmad inkluż ir-reliġjon, u minflok jgħabbulhom spallejhom b'piżijiet ħafna itqal. In-nies lanqas biss jiddubitaw minn dan is-suppost għerf tagħhom, anzi jammirawhom u jgħiru għas-suċċess tagħhom. Imma fil-fatt jgħixu barra mir-realtà u t-tajjeb ma jagħarfuhx, esperti fil-bejgħ tal-ħolm, jivvintaw l-illużjonijiet u jkattru x-xewqat. Kapaċi ħafna jbiegħu bħala verità dak li n-nies iridu jisimgħu.
- Għalhekk Alla ddeċieda li l-għerf tiegħu jirrivelah u jagħtih lill-fqar u liż-żgħar biex isalvah minn nies bħal dawn, u mis-sistema ħażina ta' poter li żżomm id-dinja. Propju lil dawk li m'għandhom xejn u ma jaspirawx biex jikkapparraw xi ħaġa, imma jilqgħu d-don ta' Alla bl-umiltà, il-Missier għoġbu jirrivela "l-*għerf ta' Alla moħbi f'misteru, li Alla fassal qabel iż-żmien għall-glorja tagħna. Ebda wieħed mill-mexxejja ta' din id-dinja ma għarfu..*." (1Kor. 2:7). Dawn l-aħwa żgħar ta' Ġesù fil-fatt, ma jiqfux f'li jsiru jafuh tajjeb imma jinkarnawh fil-ħajja ta' kuljum, għax tgħallmu bil-fidi li l-għerf divin hu bħal ġuf ta' omm, ma jkunx ġuf jekk m'hemmx ħajja. Huma fqar fl-ispirtu, kliemhom ċar u sempliċi li jifhmu kulħadd, anzi ma jagħtux kashom; imma minn idejhom u minn qalbhom tnixxi l-ħajja u tinfirex madwarhom għax jafu li kollox għandu jingħata lura b'ġenerożità u jkunu kuntenti jaqsmu d-don ta' Alla mal-iktar nies possibbli.

- Mhumiex malizjużi u jgħixu fid-dawl tax-xemx mingħajr ħabi, u iktar ma jippretendu minnhom infushom inqas jistennew mill-oħrajn. Biex isalva d-dinja Alla għandu bżonnhom għalhekk bagħat lil Ibnu biex ifittixhom, jerġa' jiġborhom u jeħlishom mill-madmad ta' liġi li għamlithom skjavi u ġġudikathom. U l-Iben fittixhom, ġabarhom, ħelishom u poġġielhom fuq spallejhom il-madmad tal-imħabba li hu ħafif u tqil fl-istess ħin, għax min jgħix fl-imħabba jwettaq għemejjel erojċi u straordinarji mingħajr ma jintebaħ.
- Huma għarfu l-mibgħut t'Alla bħala l-ħabib tagħhom, il-mudell li għandhom isegwu u jimitaw: permezz tiegħu ntebħu b'għaġeb li l-wiċċ t'Alla jixbaħ lil taż-żgħar, tal-ġwejdin, tal-għajjenin u tal-imjassrin tad-dinja. Għax propju dawn kienu destinati biex fihom ikun hemm l-għerf infinit t'Alla.
- Allura jekk l-affarijiet huma hekk għaliex tant nies – fosthom anki ħafna minn dawk li jemmnu jidraw l-istil tad-dinja u jiġru wara l-intelliġenti u s-setgħana li għalihom Alla ħeba l-verità tiegħu u fl-istess ħin ma jagħtux kas ta' dawk li jindukraw bl-imħabba u x-xhieda fil-fedeltà tal-ubbidjenza ta' kuljum? Mhux suppost li jiġri bil-kontra?

*Minn 'La Realtà é Cristo' Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 86, silta mit-3 punt**

*Nothing draws souls to God more strongly than the poor and humble condition of those who wish to lead them to him. Why did the shepherds praise and bless God? Because they had seen a poor Infant lying in a manger and because on seeing him, they had recognized, thanks to an interior light with which God enlightened them, that this Infant was truly their Savior and that it was to him they must have recourse to escape the misery of their sins.*

*Be convinced that as long as you remain bound in your heart to poverty and to everything that can humble you, you will do good for souls.*



**TALBA**

*Mulej Alla tagħna,*
*nitolbuk biex tagħtina l-qawwa*
*li nżommu mal-konvinzjoni tagħna.*
*Nitolbuk ukoll għall-kuraġġ u d-determinazzjoni*
*biex nieqfu ma' dawk li qed isofru minn xi inġustizzja.*
*F'kull ma nagħmlu Mulej,*
*nebbaħna biex nimxu dejjem kif inhu xieraq*
*inħobbu bil-ħlewwa*
*nkunu umli fil-mixja miegħek, Alla tagħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, is-6 ta' Lulju**
Santa Maria Goretti - verġni u martri
San Isaija - profeta

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosea 2: 16-18,21,22 | Għal dejjem ngħarrsek miegħi. |
| 2. Salm 144: 2-9 | Twajjeb u ħanin il-Mulej. |
| 3. Mattew 9: 18-26 | Binti iss'issa għadha kemm mietet. Imma int ejja, u hija tgħix. |

**SANTA MARIJA GORETTI (1890-1902) - verġni u martri**

- Din il-qaddisa imwielda f'Corinaldo, qrib Ancona, fl-Italja, kienet it-tielet wild minn sebgħa ta' ħaddiem tar-raba' li, minħabba l-faqar, mar bil-familja b'kollox f'Ferriere di Conca, jaħdem sħab ma' familja oħra.
- Missierha miet fl-1900, u l-omm ħteġilha taħdem u ħalliet lil Marija tieħu ħsieb tad-dar u ta' ħutha. Ta' ħdax-il sena Marija għamlet l-Ewwel Tqarbina, u mmaturat il-proponiment tagħha li tmut qabel ma tikkommetti d-dnub,
- Marija sofriet il-martirju għall-għożża tas-safa meta kellha ftit inqas minn tnax-il sena, ħames ġimgħat biss wara l-Ewwel Tqarbina tagħha.
- L-assalt fuqha sar fil-5 ta' Lulju 1902 wara nofsinhar f'darha f'Ferriere di Conca, ħdejn Nettuno. Ġuvni bidwi ta' 18-il sena, Alessandro Serenelli, iben sieħeb missierha fin-negozju, u li kienu joqogħdu fl-istess dar, imgħaddab għar-reżistenza tagħha meta riedha taqtagħlu x-xewqat żienja tiegħu, taha erbatax-il daqqa ta' sikkina.
- "Le," hija qaltlu, "Alla ma jridx din il-ħaġa. Din dnub: inti tmur l-infern jekk tagħmilha," u kompliet tgħidlu li kienet lesta li tmut milli tagħmel dak id-dnub.
- Marija, wara d-daqqiet li rċeviet, ġiet meħuda l-isptar u damet ħajja 24 siegħa oħra. Hija mhux biss ħafret lil Alessandro qabel mietet, iżda qalet li kellha tiftakar fih fil-ġenna.
- Alessandro ġie kkundannat għal 30 sena ħabs b'xogħol iebes. Darba ġiet bidla kbira fuqu li huwa attribwiha lil ħolma jew viżjoni li fiha Marija ġabret ftit fjuri u offrithomlu. Alessandro nħareġ mill-ħabs wara 27 sena u mar jitlob maħfra lil Assunta, omm Marija. Huwa għadda l-aħħar snin ta' ħajtu bħala Terzjarju Franġiskan f'kunvent tal-Kappuċċini fejn miet fl-1970. Omm Santa Marija Goretti, ħutha, kif ukoll il-qattiel tagħha, kienu preżenti meta Marija ġiet iddikjarata qaddisa mill-Papa Piju XII fl-1950. Hija ġiet imsejħa Santa Anjeże tas-seklu 20, u tqiegħdet bħala protettriċi u mudell tat-tfajliet Insara.

**Riflessjoni:**

Il-qawmien mill-imwiet kien wieħed mill-opri tal-ħniena tal-Messija, sinjal li bih jagħrfuh, biex ngħidu hekk. Il-Vanġelu tal-lum huwa parabbola f'azzjoni fejn turi s-setgħa li għandu Ġesù fuq il-mewt. Bħala Messija Ġesù jġib is-saltna t'Alla fejn il-mewt mhix it-tmiem; din is-saltna tfisser ħajja eterna. F'dan is-sens, il-ħajja ta' Ġesù

kienet parabbola f'taqbida: imur għall-mewt biex jirbaħħa bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Meta nżommu dan f'moħħna nistgħu nifhmu l-profondità tad-dikjarazzjoni li t-tifla kienet rieqda, bit-tama ta' qawmien għal ħajja ġdida. Dak li jagħmel ħwejjeġ kbar ħafna jagħmel ukoll affarijiet iżgħar; għalhekk Ġesù jfejjaq il-mara qabel l-qawmien tat-tifla. Għeġubijiet kbar jiġru meta jkun hemm fidi kbira f'Ġesù.

My Daily Gospel, 2020

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 76, silta mill-1 punt**

*When Jesus entered the house of a chief of the synagogue to raise his daughter to life, he made a crowd of people get out, saying that the girl was not dead but asleep. In like manner it can be said of several people who have left the world and entered a community that they are not dead but are only sleeping, because, they have left the world but not completely renounced it. They show this clearly enough by their conduct...*

*Do not behave like the Israelites, who, having left Egypt by God's special protection, no longer remembered the sufferings they endured there but longed for the onions of Egypt*



**TALBA**

**lil Santa Marija Goretti**

*O Santa Marija Goretti li bil-qawwa tal-grazzja t'Alla,*
*għalkemm fl-età ta' tnax-il sena*
*ma qgħadtx taħsibha biex ixxerred demmek*
*u tissagrifika ħajtek biex tipproteġi l-verġinità tiegħek,*
*ikollok ħarsa ħelwa fuq ir-razza tal-bniedem mdejqa*
*li tbegħdet mit-triq tas-salvazzjoni.*
*Għallimna lkoll, iżda speċjalment liż-żgħażagħ,*
*li għall-imħabba ta' Ġesù, għandha fil-pront u bil-kuraġġ*
*naħarbu dak kollu li joffendik, jew itebba' l-erwieħ bid-dnub.*
*Aqlgħalna mingħand il-Mulej, ir-rebħa fuq it-tentazzjoni,*
*serħan mid-dwejjaq tal-ħajja, u grazzi oħra li nixtieqalthough.*
*Agħmel li ġurnata minnhom*
*niġu miegħek ingawdu l-glorja tal-ġenna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tlieta, is-7 ta' Lulju**
Il-Beata Maria Panero Meneses – verġni
Il-Beati Roger Dickenson u Ralph Milner – martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**
1. Ħosea 8: 4-7,11-13 Ladarba huma jiżirgħu r-riħ, għad jaħsdu r-riefnu.
2. Salm 113b :3-10 Iżrael ittama fil-Mulej.
3. Mattew 9: 32-38 Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit.

**IL-BEATI ROGER DICKENSON U RALPH MILNER († 1591) - martri**

- Fis-7 ta' Lulju 1591 ġew mgħallqin f'Winchester, Roger Dickenson talli kien qassis u Ralph Milner talli kien jgħinu.
- Milner kien jaħdem fir-raba' u kien imtella' bħala protestant. Beda jqabbel il-ħajja tal-ġirien Kattoliċi u protestanti, u, b'sorpriża ta' sħabu l-protestanti, beda jmur jitgħallem il-fidi Kattolika u talab li jidħol fil-knisja tagħna.
- Imma ftit wara, dakinhar stess li tqarben għall-ewwel darba, kien mitfugħ il-ħabs talli bidel ir-reliġjon. Hawnhekk inżamm għal diversi snin, imma l-priġunerija tiegħu ma kinitx stretta ħafna, u kemm-il darba seta' joħroġ *on parole*, u f'dawn il-waqtiet kien jiġbor għajnuniet materjali u spiritwali għal sħabu priġunieri, u billi kien jaf sewwa l-pajjiż, kien anke jiffaċilità ċ-ċaqliq u l-ħidma tas-saċerdoti missjunarji li kienu jinbtagħtu l-Ingilterra bil-moħbi.
- B'dan il-mod sar jaf lill-Ġiżwita Fr. Stanney u, permezz ta' Fr. Stanney, li l-qassis Djoċesan magħruf bħala Mr. Roger Dickenson ġie jgħix f'Winchester.
- Roger Dickenson kien minn Lincoln, studja f'Rheims, u għal ħafna snin ħadem fid-distrett ta' Winchester, megħjun minn Milner.
- L-ewwel darba li arrestaw lil Roger Dickensen, il-gwardji tiegħu tant sikru li hu rnexxielu jaħrab. Imma meta nqabad it-tieni darba, Milner kien miegħu, u t-tnejn tressqu għall-ġuri, Dickenson għax kien qassis, u Milner għax kien jgħinu.
- Waqt il-ġuri, l-imħallef billi bħal speċi ta' ħenn għal Ralph Milner għax kien xwejjaħ, kif ukoll għax kellu mara u tmien ulied, irrakkomandalu li jkun biżżejjed għalih li jmur jagħmel viżta fi knisja parrokkjali protestanta u jkun meħlus. Imma Milner wieġbu: "*Jiġifieri inti tagħtini l-parir li għall-affarijiet li jgħaddu ta' dil-ħajja tridni nitlef 'l Alla tiegħi? Le, Sire, ma naċċettax.*" Iż-żewġt irġiel ġew maqtulin flimkien.
- Diversi nisa kienu wkoll ikkundannati għall-mewt talli ħallew lill-Beatu Roger jiċċelebra l-quddiesa f'darhom, iżda s-sentenza tagħhom ġiet mibdula f'daqqa. Huma mbagħad talbu li jitħallew imutu mal-qassis, iżda ġew meħuda lura fil-ħabs.
- Iż-żewġ martri Roger Dickenson u Ralph Milner ġew iddikjarati beati mill-Papa Piju XI fl-1929.

**Riflessjoni:**
L-evanġelizzazzjoni tobdi l-mandat missjunarju ta' Ġesù: "*Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien*" (Mt. 28:19-20). F'dawn il-ftit versi naraw il-mument li fih l-Irxoxt jistieden lil dawk li huma tiegħu biex joħorġu jxandru l-Vanġelu f'kull żmien u f'kull post, biex hekk il-fidi fih tista' tinxtered f'kull rokna tad-dinja.
Fil-kelma ta' Alla kontinwament naraw dan id-dinamiżmu ta' "ħruġ" li Alla jixtieq iqajjem f'min jemmen. Abraham laqa' s-sejħa biex jitlaq lejn art ġdida (ara Ġen. 12:1-3). Mosè sema' s-sejħa ta' Alla: "*Ejja, mela, ħa nibagħtek*" (Eż. 3:10) u ħareġ lill-poplu lejn l-art imwiegħda (ara Eż. 3:17). Lil Ġeremija ordnalu: "*Inti tmur kull fejn nibagħtek"* (Ġer. 1:7). Illum, f'din il-"morru" ta' Ġesù, nilmħu preżenti x-xenarji u l-isfidi dejjem ġodda tal-missjoni tal-Knisja li tevanġelizza, u lkoll aħna msejħa għal dan il-"ħruġ" missjunarju ġdid. Kull Nisrani u kull komunità trid tiddixxerni dwar liema hi l-mixja li l-Mulej qed jitlob, imma kollha aħna msejħin biex nilqgħu din is-sejħa: noħorġu mill-kumditajiet tagħna u jkollna l-kuraġġ li nilħqu l-periferiji kollha li għandhom bżonn id-dawl tal-Vanġelu.

Il-Papa Franġisku, silta mill-Eżortazzjoni Appostolika, *Evangelii Gaudium*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 186, silta mit-2 punt**
*You are in a work that by its ministry resembles that of priests more than it does any other work. Because it was the rare and extraordinary virtue of Saint Marcellinus that led to his being raised to that ministry, you, on entering your state, ought to bring and to preserve in the exercise of your ministry a piety that is more than ordinary. It must distinguish you from other people; otherwise, it will be difficult for you to carry out your ministry successfully. Because your vocation was not instituted except to procure the spirit of religion and of Christianity for those whom you instruct, it cannot achieve its purpose and enable those who are in this work to achieve their purpose unless beforehand they have worked seriously to sanctify themselves.*



**TALBA**
**għall-Vokazzjonijiet**

*O Alla, int għażilt lill-appostli*
*biex jagħmlu dixxipli mill-ġnus kollha*
*u li bil-Magħmudija u l-Griżma*
*sejjaħtilna biex nibnu l-Knisja qaddisa tiegħek,*
*nitolbuk bil-ħerqa biex tagħżel minn fostna wliedek,*
*ħafna saċerdoti, djakni u reliġjużi rġiel u nisa*
*li jħobbuk b'qalbhom kollha u li jkunu lesti jgħixu ħajjithom kollha*
*biex jagħmluk magħruf u maħbub minn kulħadd. Ammen.*

Arċidjoċesi ta' Winnipeg

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, it-8 ta' Lulju**

San Akwila u martu Santa Prixilla
Santa Marija Ermellina ta' Ġesù u sitt sħabha - martri taċ-Ċina
San Girgor Grassi - isqof
Il-Beatu Adrijanu Fortescue - martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosegħa 10: 1-3.7-8.12 | Wasal żmien li tfittxu 'l-Mulej. |
| 2. Salm 104: 2-7 | Fittxu wiċċ il-Mulej il-ħin kollu. |
| 3. Mattew 10: 1-7 | Fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael. |

**SAN AKWILA U MARTU SANTA PRIXILLA (l-1 seklu) - dixxipli ta' San Pawl**

- Kulma nafu b'ċert dwar dawn il-lajċi ħabrieka tal-ewwel snin tal-Knisja hu dak li nsibu fit-T.Ġ., i.e. fl-Atti tal-Appostli u fl-Ittri ta' San Pawl. Bħal San Pawl, li tiegħu Akwila u Prixilla kienu dixxipli, huma kellhom jagħmlu diversi vjaġġi u jbiddlu l-post tar-residenza tagħhom diversi drabi. L-ewwel darba li nisimgħu dwarhom hu fil-ktieb tal-Atti (18, 1-3) fejn insibu li huma kellhom ftit qabel jitilqu minn Ruma minħabba li l-Imperatur Klawdju kien ħareġ editt li bih kien jipprojbixxi li l-Lhud jgħammru Ruma.
- Akwila kien Lhudi minn Pontus u meta hu u martu Prixilla (jew Priska) telqu minn Ruma, marru joqogħdu f'Korintu. Meta San Pawl wasal f'din il-belt (Korintu) hu mar għandhom. Meta sar jaf li huma kellhom l-istess sengħa tiegħu, allura baqa' jgħix magħhom sakemm dam f'Korintu. Is-sengħa tagħhom kienet dik li jagħmlu t-tined. (Kull rabbi mgħallem Ludi kien jitgħallem ukoll xi sengħa). Jista' jkun li Akwila u Prixilla saru Nsara permezz ta' San Pawl waqt iż-żmien li kien jgħix magħhom, għalkemm jista' jkun ukoll li saru Nsara snin qabel, forsi wkoll nhar il-Pentekoste, jew xi jiem wara.
- Akwila u Prixilla marru ma' San Pawl Efesu, u baqgħu f'din il-belt meta San Pawl kompla l-vjaġġ tiegħu. Tul iż-żmien li Pawlu kien imsiefer, huma għallmu l-fidi Nisranija lil Apollo, raġel Lhudi minn Lixandra, li kien jaf fuq Ġesù biss mid-dixxipli ta' San Ġwann il-Battista. Akwila u Prixilla kienu għadhom joqogħdu Efesu. F'darhom kienet tiltaqa' komunità Nisranija (1 Kor. 16,19; Rm. 14,5).
- Prixilla ġeneralment tissemma dejjem qabel żewġha Akwila, li jista' jfisser li hi kienet ta' personalità qawwija jew l-aktar attiva mit-tnejn. Bħala ħbieb sinċieri ta' San Pawl, l-Appostlu jgħid dwarhom li huma "ssugraw ħajjithom" għalih. Hekk infatti naqraw fl-Ittra lir-Rumani: "*Selluli għal Priska u Akwila, li ħadmu miegħi fi Kristu Ġesù, għax huma wkoll issugraw ħajjithom għalija biex isalvawni; u mhux jien biss għandi għax nirringrazzjahom, iżda wkoll il-knejjes kollha tal-ġnus*" (Rm. 16, 3-4).
- Skont tradizzjoni, Akwila aktar tard sar isqof ta' Eraklea fil-Palestina. Ma nafux jekk mitux martri. Huma bla dubju xempju ta' ħajja ddedikata għall-

appostolat fl-ewwel snin bikrin tal-Knisja. Il-Martiroloġju Ruman ifakkarhom fit-8 ta’ Lulju.

**Riflessjoni:**
Il-Mulej iħobb bil-qalb lil dawk li huma ferħana li lesti jabbandunaw ruħhom totalment għall-providenza paterna. Huma ma joqogħdux jieqfu jikkunsidraw jekk huwiex ta' vantaġġ jew le fl-interessi tagħhom stess. Ejjew inkunu bħall-qalb ta’ Alla l-Missier li qatt ma nħallu xejn dak li mhux ta' ġid għalina.

San Franġisk de Sales (Prietki 29; O. IX, pġ. 284)

**Meditazzjoni ta’ San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 196, silta mill-1 punt**
*Consider Jesus Christ as the Good Shepherd of the Gospel, who seeks the lost sheep, puts it on his shoulders, and carries it back to restore it to the fold. Because you are taking his place, consider that you are obliged to do the same thing. Ask him for the grace needed to procure the conversion of hearts.*
*You must, then, be very devoted to prayer to succeed in your ministry. You must constantly represent the needs of your disciples to Jesus Christ, explaining to him the difficulties that you have experienced in guiding them. Jesus Christ, seeing that you regard him as the one who can do everything in your work, whereas you are an instrument that must be moved only by him, will not fail to grant you what you ask of him.*

**Ħsieb:**
Bħal-lum, fl-1979, disa’ xhur qabel inqatel, il-Beatu Isqof Romero, li kien qed jaħdem f’El Salvador fl-Amerika Ċentrali, tkellem dwar ix-xhieda tal-Insara u qal hekk:
*“Anke jekk joqtlulkom l-isqof ... u tibqgħu bla qassisin ... intom tridu tkunu l-mikrofonu ta’ Alla.”*



**TALBA**

*Mulej Alla tagħna,*
*nitolbuk biex tagħtina l-qawwa*
*li nżommu mal-konvinzjoni tagħna.*
*Nitolbuk ukoll għall-kuraġġ u d-determinazzjoni*
*biex nieqfu ma’ dawk li qed isofru minn xi inġustizzja.*
*F’kull ma nagħmlu Mulej,*
*nebbaħna biex nimxu dejjem kif inhu xieraq,*
*inħobbu bil-ħlewwa,*
*inkunu umli fil-mixja miegħek, Alla tagħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, id-9 ta' Lulju**

Santu Wistin Zhao Rong – presbiteru u sħabu – martri
Is-seba' sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija – martri fiċ-Ċina
Il-martri ta' Gorcum

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosegħa 11 : 1-4.8ċ-9 | Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti. |
| 2. Salm 79 : 2aċ u 3b.15-16 | Itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi. |
| 3. Mattew 10 : 7-15 | B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu. |

**SANTU WISTIN ZHAO RONG U SĦABU MARTRI (†1648-1930)**

- Il-Kristjaneżmu wasal iċ-Ċina mis-Sirja, fis-seklu V. Dan kien jiddependi mir-relazzjoni li kellha ċ-Ċina mad-dinja ta' barra. Fl-istorja taċ-Ċina, ir-reliġjon Kattolika ma kinetx dejjem milqugħa, u f'dawn iż-żminijiet ħafna ġew ippersegwitati.
- Dawn il-120 martri, mietu bejn l-1648 u l-1930; ħafna minnhom kienu imwielda ġewwa ċ-Ċina, fosthom tfal, ġenituri, katekisti jew ħaddiema. L-età tagħhom kienet minn 9 snin sa 72 sena. Fosthom kien hemm erba' qassisin Djoċesani.
- Kien hemm 33 minnhom li kienu barranin, dawn kienu saċerdoti Djoċesani, reliġjużi nisa, Ġiżwiti, Sależjani, u Franġiskani tal-Missjoni ta' Marija.
- Wistin Zhao Rong, kien suldat Ċiniż li kien mar jakkumpanja lill-Isqof J.G. Taurin Dufresse, għall-martirju ġewwa Beijing. Wistin kien mgħammed u ftit wara ġie ordnat saċerdot Djoċesan. Kien maqtul fl-1815.
- Dawn il-martri ġew ibbeatifikati fi gruppi matul iż-żmien, però ġew ikkanonizzati f'Ruma, fl-1 ta' Ottubru 2000, mill-Papa San Ġwanni Pawlu II.

**Riflessjoni:**

Sena wara li l-martri ġew ikkanonizzati, il-Papa Ġwanni Pawlu II, kien qed jindirizza xi studjużi Ċiniżi u oħrajn mill-Punent. Hu għamel kumment dwar il-kontribuzzjoni li l-Insara għamlu ġewwa ċ-Ċina, u kompla jgħid:
*"L-istorja tfakkarna fil-fatti sfortunati ta' kif ix-xogħol tal-membri tal-knisja Ċiniża ma kienx dejjem bla żbalji ... Hekk ukoll il-ħidma tagħhom kienet spiss kundizzjonata b'sitwazzjonijiet diffiċli minħabba l-istorja komplessa u komplott ta' interessi politiċi ... Dan ħoloq sitwazzjonijiet diffiċli fix-xandir tal-vanġelu."*

Il-Papa Franġisku, waqt laqgħa li kellu ma' Seminaristi Amerikani f'Ruma tkellem dwar il-qaddisin missjunarji. Hu qal hekk: *"Il-bnedmin jistudjaw il-ħajja u l-ħidma tal-missjunarji. Huma jħarsu lejn il-qawwa u sfortunament lejn id-dgħufija tagħhom ... Imma nistaqsi jekk illum aħna m'aħniex kapaċi nirrispondu bl-istess ġenerożità u kuraġġ għas-sejħa ta' Alla, li jistedinna biex inħallu kollox warajna biex nadurawh, nimxu warajh, nerġgħu niskopruh fix-xbieha tal-fqar, inxandruh ma' dawk li ma jafux lil Kristu u għalhekk ma kellhomx l-esperjenza li jħaddnu l-ħniena tiegħu."*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 89, it-3 punt**

*These little children (the Holy Innocents) died not only as martyrs but also by taking the place of Jesus Christ. Herod wanted to kill him and looked for him everywhere. Not finding him, he resolved to kill a great number of children, assuring himself that Jesus Christ would be included in their number. He wanted no exception made among those who had been born from before the time the Magi had come to Jerusalem up to that moment. What fortunate children, to have lost their life in order to preserve the life of Jesus Christ!*

*We can have the same opportunity as they by giving our life to prevent Jesus Christ from dying in us. Sinners, says Saint Paul, crucify Jesus Christ anew. If, then, we do not want him to lose his life, we must do violence to ourselves so as not to fall into sin and not to commit the slightest fault. To procure this benefit, we need great vigilance over ourselves. In this way and by dying daily through continual mortification, you will give your life to avoid miserably crucifying and putting Jesus Christ to death within you.*



**TALBA**

*Mulej!*
*Inti l-għajn ta' kull maħfra.*
*Mingħajr imħabba*
*ma nħossnix kapaċi naħfer.*
*Għinni ħalli nixrob mill-għajn ta' mħabbtek*
*biex inkun nista' ninbidel*
*fit-tajjeb, id-deni li qiegħed isirli.*
*Agħtini l-grazzja li naħfer,*
*il-qawwa biex nirrikonċilja lili nnifsi.*
*La tippermettix, Mulej,*
*li noqgħod inberren fuq il-mibgħeda.*
*Mulej, agħtini l-grazzja*
*li nħoss il-hena tal-maħfra,*
*li jiena nagħti u tal-maħfra li nirċievi.*

Bro. Louis Camilleri

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, l-10 ta' Lulju**
Santa Veronika Ġuljani – verġni
San Kanut – re u martri
Il-Beati Emanuel Riuz u sħabu – martri ta' Damasku

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ħosegħa 14 : 2-10 | Lanqas ma ngħidu iżjed "Alla tagħna" lil xogħol idejna. |
| 2. Salm 50: 3-4.8-9.12-13.14 u 17 | Fommi jxandar it-tifħir tiegħek. |
| 3. Mattew 10: 16-23 | Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom. |

**IL-BEATI EMMANUEL RUIZ U SĦABU († 1860) - martri ta' Damasku**

- Fl-1926, il-Papa Piju XI ibbeatifika grupp ta' 11-il martri minn fost diversi eluf ta' Nsara li nqatlu fil-Lebanon u s-Sirja minn gruppi Musulmani msejħin Drużi li kienu kontra l-klawsola li l-gvern Tork aċċetta fil-Kungress ta' Pariġi wara l-gwerra tal-Krimea dwar it-tolleranza reliġjuża.
- Dawn kienu tmien Franġiskani (Minuri Osservanti u Minuri Riformati), imlaqqmin minħabba l-ordni tagħhom *les Francais* = il-Franċiżi, minkejja li 7 minnhom kienu Spanjoli u l-ieħor Awstrijakk. Dawn kienu patri Emanuel Ruiz, is-superjur tal-kunvent, il-patrijiet Carmelo Volta, Engelbert Kolland, Nicanor Ascani, Pedro Soler, Nikola Aberoca u l-ajkijiet Ġan Ġakbu Fernández u Franġisk Pinazo. It-tlieta l-oħra kienu Nsara maroniti lajċi li kienu marru fil-kunvent għall-kenn. Dawn kienu l-lajċi Maroniti Franġisk Massabki u ż-żewġ ħutu Rafiel u Abdel-Mooti.
- Minħabba li kienu jafu kemm kien kbir il-periklu li jiġu maqtula mill-Misilmin, fil-lejl ta' bejn id-9 u l-10 ta' Lulju 1860, il-patrijiet ingħalqu tajjeb fil-kunvent tagħhom u sakkru l-bieb bl-istaneg.
- Imma wieħed traditur, li qabel kien ġie benefikat mill-patrijiet, irnexxielu jdaħħal fil-kunvent lill-Misilmin minn bieb ieħor. Allura kellhom jagħżlu jew li jmutu martri jew li jiċħdu lil Kristu billi jsiru mawmettani. Il-ħdax li kienu għażlu li jmutu għal twemminhom. Kollha nqatlu fil-kunvent tal-Franġiskani f'Damasku.
- Patri Emanuel Ruiz, l-ewwel wieħed li kien maqtul, kien il-gwardjan tal-patrijiet. Kien magħruf fost in-nies bħala "Patri Paċenzja", laqam li juri b'liema sabar kien jagħmel l-appostolat tiegħu fost il-poplu. Ruiz inqatel fil-knisja fejn kien mar biex jikkonsma s-Santissmu Sagrament. Waqt li demmu kien iqattar fuq l-altar, xi wħud milli attakkawh marru jdoqqu l-qniepen u jwerżqu: *"Ejjew! Il-quddiesa bdiet, il-qassis qed jistenna."*
- Dawn il-ħdax-il martri ġew ibbeatifikati fl-1926 mill-Papa Piju XI, 66 sena wara mewthom, fl-okkażjoni tas-seba' ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk t'Assisi.

**Riflessjoni:**
Id-dixxipli ta' Ġesù jridu jixorbu l-istess kalċi li xorob Hu. Din il-profezija, aktar tard, issir l-esperjenza qarsa tal-twelid tal-Knisja – persekuzzjoni u priġunerija. Qrib is-sena 80 AD, il-Lhud keċċew mis-sinagogi lil dawk kollha li kienu jemmnu f'Ġesù. Dan ġab firdiet fil-familji, xi wħud jgħidu li huma favur Ġesù u oħrajn kontrih, aħwa jittradixxu lil xulxin, ġenituri jitradixxu lil uliedhom, eċċ. Ġesù jirrikomanda l-prudenza: kun sod fil-fidi tiegħek imma tgħaġġilx tlebbet għall-martirju; in-ngħaġ iridu jaħarbu l-volpijiet, jiċċaqalqu mill-post fejn qed jiġu ppersegwitati. Meta dawk li jipprietkaw il-kelma t'Alla jiġu interrogati jkun Alla nnifsu l-veru għan għall-oġġezzjoni, għalhekk ipoġġi fuq xufftejhom kliem għad-difiża. Is-sid jimpurtah mill-qaddejja tiegħu. My Daily Gospel, 2020

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 148, silta mit-3 punt**
*That is how Saint Ignatius began to establish his Company, which is of such great benefit to the Church, for it has spread to all the countries where the Christian religion is practiced and has brought about the establishment of the Church in several places where God was not known.*
*Because the end of your Institute is the same as that of the Institute founded by Saint Ignatius, which is the salvation of souls, and because God has called you to educate children in piety, just as he called the disciples of this saintly founder, live in as great a detachment and show as great a zeal to procure the glory of God as this saint did and as the members of his Company do. Then you too will do great good for those whom you instruct.*



**TALBA**
*Spirtu Qaddis, nifs ta' Alla,*
*int tiġi għandi*
*biex tfakkarni*
*l-għemejjel u l-kliem*
*ta' Ġesù*
*kull darba li naqra l-Vanġelu.*
*Għinni ħalli nifhem aktar*
*dik il-"fidi" li jridu jwassluli*
*f'qalbi,*
*f'moħħi,*
*u biex insaħħaħ fija l-fidi.*
*Warrab minn quddiem għajnejja*
*dik il-biża' li nħoss,*
*li tixhed kontra dik it-tama*
*li għandi fik Mulej Alla.*
Bro. Louis Camilleri

**Missierna ...**

**Is-Sibt, il-11 ta' Lulju**
San Benedittu Abbati – patrun tal-Ewropa

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Proverbji 2: 1-9 | Iftaħ qalbek għall-għaqal. |
| 2. Salm 33: 2-4,6,9,12,14,15 | Kull ħin inbierek 'il-Mulej. |
| 3. Mattew 19: 27-29 | Intom li ħallejtu kollox u ġejtu warajja, terġgħu tirċievu kollox għal mitt darba iktar. |

**SAN BENEDITTU (ċ.480-ċ.547) - abbati**

- San Benedittu hu meqjus bħala l-Missier tal-Monastiċiżmu tal-Punent.
- Ir-regola tiegħu, li hija ta' influwenza kbira, tiġbor fiha t-tradizzjoni monastika tal-Orjent. Hu addattaha b'għerf u diskrezzjoni għad-dinja Latina, u kienet mezz biex tiftaħ triq ġdida għaċ-ċiviltà Ewropea wara l-waqfa Rumana. F'din l-iskola ta' servizz lill-Mulej għandhom rwol determinanti l-qari meditat tal-Kelma t'Alla u t-tifħir liturġiku, alternat b'waqtiet ta' xogħol fi klima intensa ta' karità fraterna u ta' servizz reċiproku.
- Hu twieled f'Norċja, belt ċkejkna fl-Umbrija (Italja Ċentrali) għall-ħabta tal-480. Missieru bagħtu jistudja Ruma, imma meta kellu 20 sena waqqaf l-istudji tiegħu f'Ruma biex jimxi wara ideali reliġjużi.
- Għall-ewwel kien joqgħod f'raħal żgħir u mbagħad għamel tliet snin bħala eremit f'għar fi rdum f'Subiaco.
- Bdew jinġibdu d-dixxipli lejh u l-aqwa familji Rumani bdew jibagħtu 'l uliedhom biex iħarriġhom. Malajr kellu 12-il komunità żgħira li reħa t-tmexxija tagħhom f'idejn ħaddieħor u hu beda monasteru ġdid f'Montecassino fejn kiteb ir-regola tiegħu.
- Din ir-regola hija bbażata fuq l-iskrittura u fuq awturi monastiċi ta' qablu. S. Benedittu saħaq ħafna fuq imħabba personali ħafna għal Kristu u fuq l-għaqal.
- Hu kellu oħtu, Skolastika, aktarx tewmija miegħu, li kienet tgħix f'monasteru fin-naħa t'isfel tal-Montecassino, u li mar iżurha ftit qabel ma mietet. Hu miet 40 jum warajha, fil-21 ta' Marzu ċ. 547.
- Biż-żmien nibtu fil-kontinent Ewropew u fil-gżejjer ċentri ta' talb ta' kultura, ta' promozzjoni umana, ta' ospitalità għall-foqra u l-pellegrini. Żewġ sekli wara mewtu, l-għadd ta' monasteri mmexxija mir-regola tiegħu, jiskorri l-elf.
- L-ordni tal-Benedittini ta lill-Knisja mhux inqas minn 20 Papa, 200 kardinal u aktar minn 6,000 isqof. L-għadd ta' qaddisin u beati Beneditini hu aktar minn elf, fosthom ħames dutturi tal-knisja.
- San Pawlu VI Papa, fl-24 ta' Ottubru 1964 ddikjara lil San Benedittu patrun prinċipali tal-Ewropa kollha. Diġà Piju XII fl-1947 sejjaħlu missier l-Ewropa.

**Riflessjoni:**

Mela ħuti, aħna li tlabna lill-Mulej min jista' jgħammar ġewwa t-Tabernaklu Tiegħu, nafu x'inhuma l-kundizzjonijiet sabiex inkunu nistgħu ngħammru hemm; u jekk aħna nwettqu d-dmirijiet ta' kerrejja, aħna nkunu werrieta tas-saltna tas-smewwiet.

Għalhekk qlubna u surietna jridu jkunu ppreparati għall-battalja skont il-kmand tal-ubbidjenza qaddisa; u ejja nitolbu lill-Mulej sabiex jipprovdilna l-għajnuna tal-grazzja tiegħu f'dak li hu impossibli għan-natura tagħna. U jekk biex neħilsu mill-pwieni tal-infern jeħtieġilna nixxenqu għall-ħajja ta' dejjem, mela, dment li għadu ż-żmien, u għadna tad-demm u l-laħam, u bħalissa għadna fil-waqt li nistgħu nwettqu dan kollu, jeħtieġ li nħabirku biex nagħmlu issa dak li jiswielna għall-eternità. San Benedittu

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 111, l-1 parti**

*When Saint Benedict was a student in Rome, he left the city in order to avoid the bad example of his fellow students and withdrew to a very wild solitude where he practiced continual prayer and very great austerity. By doing this he prepared himself to become the father of a great number of religious to whom he gave a very wise Rule that insists a great deal on seclusion and leads a person to great perfection. By this holy Rule and by his exact and faithful guidance, he drew a great number of souls to God, separating them from the world and from all human conversation, so that they might be in a position to converse with God alone.*

*This is, indeed, one of the greatest advantages you can possess in this life and one of the main means you can use to give yourself to God. The more faithful you are to the Rule, the more you will acquire the perfection of your state. The less you communicate with people, the more God will communicate with you.*



**TALBA**

*O Alla li tista' kollox*
*agħtini l-għerf sabiex nagħrfek,*
*dehen biex nifhmek,*
*ħeġġa biex infittxek,*
*paċenzja biex nistenniek,*
*għajnejn biex kontinwament nosservak,*
*qalb ħsiebha fik u ħajja li xxandrek,*
*dan nitolbok bil-qawwa*
*tal-Ispirtu ta' Kristu Ġesù sidna.*
*Ammen.*

San Benedittu

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, it-12 ta' Lulju**
**Il-15-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Isaija 55: 10,11 | Ix-xita ġġiegħel l-art tnibbet. |
| 2. Salm 64 :10-14 | Iż-żerriegħa waqgħet f'art tajba, u għamlet il-frott. |
| 3. Rumani 8: 18-23 | Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew imxennqa d-dehra ta' wlied Alla. |
| 4. Mattew 13: 1-9 (jew 23) | Wieħed bidwi ħareġ jiżra'. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Il-vanġelu twil tal-lum, tant fih punti li fuqhom nistgħu nirriflettu li bilfors ikollna nagħżlu: se nieqfu nirriflettu fuq il-figura tal-bidwi xi ftit stravaganti li jwaddab iż-żerriegħa bl-addoċċ: dak iż-żmien kienu jiżirgħu b'mod differenti mil-lum, peress li kienu jitfgħu ż-żerriegħa fuq art żdingata, imbagħad wara jaħdmuha. Anke hekk il-ħela tal-bidwi f'dak iż-żmien ta' faqar tħallina xi ftit mibluhin.
- Għaliex din hi parabbola tas-saltna t'Alla u l-Mulej jirrivelalna li wieħed mis-sinjali tal-preżenza tiegħu fid-dinja hi propju l-abbundanza, u hawnhekk tant hi eżaġerata li ssir ħela. Anki waqt it-tieġ ta' Kana, kien hemm bżonn ta' daqshekk inbid – tajjeb ħafna – għall-mistednin diġà xurbana? Il-bċejjeċ tal-ħobż żejda li jimlew tnax-il qoffa fit-tkattir tal-ħobż, mhumiex sinjal tan-nuqqas ta' kalkolu tajjeb ta' Ġesù? Biex ma nsemmux il-mija u tlieta u ħamsin ħuta kbira li jimlew ix-xbiek tas-sajjieda wara l-laqgħa tagħhom mal-Mulej fuq lejl xogħol għal xejn, jew is-somma enormi ta' dejn ta' għaxart elef talent maħfura lil dak li kellu jagħti f'parabbola oħra? Iva għaliex fhimna li l-bidwi li jiżra' hu l-istess Ġesù, il-mibgħut t'Alla, l-Iben li f'xogħlu jimita lill-Missier "*li jagħtina kollox bix-xaba' biex ingawdu bih"* (1Tim. 6:17) u "*jtella' x-xemx sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin"* (Mt. 5:45).
- Ġesù ma jillimitax ruħu billi jwaqqaf is-saltna ta' ġustizzja li ħafna fqar u mjassrin jitolbu lil Alla: miegħu tidħol fl-istorja s-saltna tas-sema fejn Alla jaħdem b'ħela u b'ġenerożità li jmorru 'l bogħod minn dak li qatt nistgħu inbassru aħna, u lanqas l-ikbar dnub ma jwaqqfu, ġenerożità li mhux biss timla' lill-fqar b'kull ġid imma żżid l-abbundanza mal-abbundanza lil min jemmen.
- Dan fehmitu sewwa l-kittieba Norveġiża K. Blixen fir-rumanz "Il-pranzu ta' Babette", meta waħda mill-protagonisti tgħid "*Jiġi jum meta għajnejna jinfetħu u naraw u nifhmu kif il-grazzja t'Alla hi infinita, meta narawha nintebħu li kull ma għażilna kien mogħti lilna u fl-istess waqt ġie aċċettat dak li rrifjutajna anzi, dak li warrabna jinxteħet fuqna bl-abbundanza. Għaliex il-ħniena u l-verità iltaqgħu, l-ordni u l-ferħ jitbewsu*."
- Jekk l-affarijiet huma hekk, xogħol l-Insara, fuq kollox f'dan iż-żmien diffiċli hu dak li jiżirgħu tajjeb b'impenn sħiħ mingħajr ħlas, mingħajr trekkin, jiżirgħu b'idejhom mimlijin avolja jafu minn qabel li l-ħsad jista' jkun ftit jew xejn: f'dan

il-każ jiżirgħu l-aħjar żerriegħa mingħajr ma jagħtu kas tal-ispejjeż. Jiżirgħu anke fuq art mhix tajba, anke f'kundizzjonijiet mhux daqshekk tajba għax jekk nistennew li l-kundizzjonijiet ikunu tajbin, jasal l-aħħar tad-dinja qabel!

- Bħal ma kienu jagħmlu l-bdiewa xjuħ iħawlu s-siġra tal-ġewż avolja kienu jafu li qatt ma kienu se jaraw il-frott tagħha, hekk anke aħna f'dan iż-żmien fejn ħadd ma jagħmel xejn jekk mhux għall-bżonn u biex ikollu riżultat immedjat. Min bħalna jiżra' għall-eternità, għandu l-lussu li jiġbor ħsad żgħir għal dan iż-żmien qasir. Allura niżirgħu bil-libertà, mingħajr l-ansjetà li niġbdu jew nikkundizzjonaw lil ħadd: niżirgħu bil-ferħ għax ir-riżultat hu garantit u bil-preżenza tas-saltna kull miraklu jsir possibbli anke l-fertilità tal-iktar art niexfa u sterili.
- Niżirgħu b'xejn għax kollox hu rigal, iż-żerriegħa, l-art, dak li jiżra'. Din hi kundizzjoni fundamentali għat-tiġdid tal-knisja.

*Minn 'La Realtà é Cristo' Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 11, silta mill-1 punt**

*Because obedience is a source of grace for a religious, it can be compared to the good seed sown in a field, which produces a rich harvest for its owner. This, indeed, is the virtue that in people consecrated to God constitutes the entire merit of their actions, so that no matter how good these may be in themselves, they are valuable only insofar as obedience accompanies them. It may be said that what confers the crowning glory on their actions is obedience; however holy these works may be in themselves, unless obedience bestows on them their full luster, the beauty they possess is only apparent. This, it is true, suffices to dazzle those who do not look upon things with the eyes of faith, but truly enlightened people can discern all their falsity and vanity*



**TALBA**

*Grazzi Mulej Ġesù*
*tal-kelma tiegħek li taslilna*
*minn seklu għal seklu,*
*minn mindu ħarġet minn fommok.*
*Grazzi Mulej Ġesù*
*għal dawk kollha li ħadu ħsieb li jitrasmettuhielna.*
*Mulej Ġesù, agħmel li l-kelma tiegħek*
*tkun illum ta' faraġ għal dawk li huma mġarrbin.*
*Agħmel Mulej Ġesù li l-kelma tiegħek*
*tkun żerriegħa li tnibbet il-paċi*
*fost il-popli fejn hemm*
*il-ġlied u l-inkwiet.*

Bro. Louis Camilleri

**Missierna ...**

**It-Tnejn, it-13 ta' Lulju**
San Enriku
Santa Tereża ta' Ġesù ta' Los Andes – verġni
Santa Klelja Barbieri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Isaija 1: 10-17 | Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' għemilkom minn quddiem għajnejja ieqfu mill-ħażen. |
| 2. Salm 49: 8-9.16bċ-17.21 u 23 | Lil min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla. |
| 3. Mattew 10: 34 – 11, 1 | Ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-sejf. |

**SANTA KLELJA BARBIERI (1847-1870)**

- Din il-qaddisa hija l-iżgħar fundatriċi ta' ordni reliġjuż fl-istorja tal-knisja.
- Twieldet f'Bolonja minn familja fqira għall-aħħar fit-12 ta' Frar 1847. Ta' 8 snin tilfet lil missierha u kienet tmur tgħin 'l ommha fix-xogħol tar-raba'.
- Ta' 14-il sena saret katekista parrokkjali. Kienet tfajla sabiħa ħafna u kien hemm ħafna li offrewla li tiżżewwiġhom iżda hi dejjem irrifjutat għaliex xtaqet li ssir reliġjuża. Kienet taħseb li minħabba l-faqar estrem tagħha ma setgħetx tidħol f'ordni reliġjuż.
- Fl-1868 (ta' 21 sena) hija u xi ħbieb tagħha waqqfu l-komunità tal-Madonna Addolorata għall-qadi tal-foqra, il-morda u l-anzjani fil-ferħ, fis-sempliċità u bil-komtemplazzjoni.
- Mietet fit-13 ta' lulju 1870 ta' 23 sena, bit-tuberkolożi.
- Hemm fenomenu stramb marbut ma' din il-qaddisa, li tinstema' tkanta f'diversi postijiet li hi żaret meta kienet ħajja.
- San Ġwanni Pawlu II kkanonizzaha fid-9 ta' April tal-1989.
- Hija l-patruna ta'dawk li jiġu mwaqqa' għaċ-ċajt għax juru devozzjoni.

**Riflessjoni:**

Kull min jemmen fi Kristu f'din id-dinja għandu jkun xrara ta' dawl, ċentru ta' mħabba, ħmira li tagħti l-ħajja lill-kotra; u aktar il-bniedem isir hekk, iżjed jingħaqad intimament ma' Alla.

Il-għaliex ma tistax tingħad paċi fost il-bnedmin jekk ma hemmx paċi f'kull wieħed minnhom, jekk jiġifieri kull bniedem ma jħarisx fih dak l-ordni li jrid Alla. Jistaqsi hawn Santu Wistin: *Trid li ruħek tirbaħ il-passjonijiet tiegħek? Tissottometti ruħha għal dak li hu fil-għoli u tirbaħ dak li hu fil-baxx, u jkollok fik il-paċi: vera, żgura u ordinatissima. X'ordni titlob din il-paċi? Alla jikkmanda lir-ruħ, ir-ruħ lill-ġisem: xejn ma hemm iżjed ordnat minn hekk.*

San Ġwanni XXIII (Papa), silta mill-Enċiklika *Pacem in Terris*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 22, silta mit-2 punt**

*So that Jesus Christ may reign in your soul, you must wage war under his leadership against the enemies of your salvation, who are also his enemies. Because he wishes to establish his peace within you, a peace which, according to Saint Paul, ought to reign in your hearts, he must overcome—and you must overcome with him and by his help—anything that is able to be an obstacle, such as your passions and evil inclinations. You must eliminate within you the man of sin who in the past has reigned over you. Then you will deliver yourself from the shameful slavery to which sin has reduced you.*



**TALBA**

*Mulej, Alla tiegħi,*
*nitolbok issaffili qalbi*
*minn dak kollu li mhux "INT"*
*biex tkabbar fija*
*l-bniedem ta' ħajja interjuri*
*u tħalli l-Ispirtu tiegħek*
*iwettaq l-opra tiegħu fija,*
*jiffertilizzaha bil-**preżenza tiegħu.***
*Jiena nemmen, O Alla tiegħi,*
*li l-paċi u l-libertà*
*ġejjin mill-Ispirtu tiegħek.*
*O Alla tiegħi: għarrafni*
*t-triqat tiegħek!*

Bro. Louis Camilleri

**Missierna ...**

**It-Tlieta, l-14 ta' Lulju**
San Kamillu de Lelles – presbiteru
San Franġisk Solano – presbiteru
Santa Toskana – armla
Santa Kateri Tekakwitha - verġni

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 7: 1-9 | Jekk ma temmnux, ma tibqgħux sħaħ. |
| 2. Salm 47 : 2-8 | Alla jżomm il-belt tiegħu sħiħa għal dejjem! |
| 3. Mattew 11: 20-24 | Jum il-ħaqq se jkun eħfef għal Tir u għal Sidon u għall-art ta' Sodoma milli għalikom. |

**SAN FRANĠISK SOLANO (1549-1610)**

- Twieled fl-Andalużja, fi Spanja, preċiżament fil-belt ta' Montilla qrib Kordova, fl-10 ta' Marzu, 1549, minn ġenituri nobbli, imma wkoll kattoliċi tajba.
- Ta' għoxrin sena daħal mal-patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti ta' Montilla u fl-1576, sar saċerdot.
- Wara 13-il sena ta' ħidma fi Spanja, bħala surmast tan-novizzi f'Arigazza, kif ukoll predikatur u konfessur, fl-1589, telaq lejn il-Perù, bħala missjunarju, fejn baqa' jaħdem sa mewtu, fuq għoxrin sena wara.
- Ikkonverta bosta pagani, anke fl-Arġentina u l-Paragwaj, imma l-iktar fil-belt ta' Lima, kapitali tal-Perù, fejn laħaq gwardjan tal-kunvent. Fi żmienu, kienu jgħixu f'Lima, qaddisin oħra. Dawn kienu: l-arċisqof, San Toribju de Mongrovejo, San Martin de Porres, Santa Rosa Flores y Oliva u San Ġwann Massias.
- San Franġisk miet fil-kunvent ta' Lima, fl-14 ta' Lulju 1610, u ġie kkanonizzat, mill-Papa Dumnikan Benedittu XIII, flimkien mal-Karmelitan San Ġwann tas-Salib, mas-Servità San Pellegrino Laziosi u l-Ġiżwita San Luiġi Gonzaga fl-1726.
- L-eloġju funebri fil-funeral tiegħu, sarlu mill-Ġiżwita Patri Sebastiani, li qal li Solano kien it-tama u l-eżempju tal-Perù kollu, il-glorja tal-belt ta' Lima, u d-dija u l-isplendur tal-Ordni Franġiskan.
- Il-fdal jinsab meqjum fil-knisja ta' San Franġisk t'Assisi tal-Franġiskani Minuri, ġewwa Lima.
- Ċertament San Franġisk Solano, flimkien mad-Dumnikan, San Ludoviku Bertran, u mal-Ġiżwita San Pietru Claver kien l-ikbar missjunarju fl-Amerika Latina.

**Riflessjoni mill-Imitazzjoni ta' Kristu, it-Tielet Ktieb, kap. 58 :**
Ibni, ma għandekx għalfejn toqgħod tistħarreġ fuq it-triqat moħbija t'Alla; m'għandekx għalfejn trid taf għala wieħed donnu minsi minn Alla u l-ieħor ġie mgħolli fi grazzja hekk kbira; għala dan ġewh tant slaleb, u l-ieħor ġie msejjaħ għal ħwejjeġ kbar. Il-moħħ tal-bniedem mhux biżżejjed biex jifhem dawn il-ħwejjeġ; hu

kollu żejjed li wieħed iħabbel moħħu u jinkwieta biex jikxef il-fehma t'Alla. Meta l-għadu tar-ruħ jiġi jsefsiflek ħwejjeġ bħal dawn, jew xi bnedmin jitħaddtu fuq hekk, int weġibhom bi kliem il-profeta: "*Mulejja, inti kollok sewwa, u ġusta l-fehma tiegħek*" jew b'dal-kliem l-ieħor: "*Il-fehmiet t'Alla huma minnhom, u mill-ewwel sal-aħħar tas-sewwa.*" Il-fehmiet tiegħi, iva, ta' min jibża' minnhom, u mhux ta' min joqgħod jistaqsi fuqhom: għaliex moħħ il-bniedem ma jilħaqx magħhom.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 205, silta mill-1 punt**
*Jesus Christ, having been appointed by God to be your judge, will say to you, as the owner said to his manager, Give me an account of your administration. He will then look into the very depths of your heart to examine whether you have been faithful managers of the wealth he has entrusted to you and the talents he has given you to work in his service. The good or the bad use you have made of these gifts will then become clear, for the Lord, who judges you, will unveil what is most hidden and most secret in the depths of your heart. If you want to prevent the account that you must give from becoming heavier with the passage of time, make one every day to yourself. Examine before God how you are conducting your work and whether you are failing in any of your duties.*
*Come to see clearly who you are. Find fault accurately and unsparingly, so that when Jesus Christ comes to judge you, you will be able to face his judgment without being afraid. For when he comes, he will find nothing to condemn in you, because you will have anticipated his judgment, regarding not only your own person but also the talents and the graces you have received from God to fulfill well the service that he assigned to you.*



**TALBA**

*Missier,*
*inti tajt lil San Kamillu*
*mħabba speċjali lejn il-morda.*
*Bl-interċessjoni tiegħu, nebbaħna,*
*li bil-qadi tagħna lejn ħutna*
*naqilgħu l-grazzja li*
*naslu għandek fl-aħħar ta' ħajjitna.*
*Dan nitolbuk bi Kristu Sidna*
*li jgħix u jsaltan miegħek u mal-Ispirtu s-Santu*
*Alla wieħed, għal dejjem ta' dejjem.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, il-15 ta' Lulju**
San Bonaventura - isqof u duttur tal-Knisja

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 10: 5-7,13-16 | Forsi qatt ftaħret il-mannara kontra min iqaċċat biha? |
| 2. Salm 93: 5-10,14,15 | Il-Mulej ma jitlaqx il-poplu tiegħu. |
| 3. Mattew 11: 25-27 | Dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen. |

**SAN BONAVENTURA (1218-1274) – isqof u duttur tal-Knisja**

- San Bonaventura twieled bl-isem ta' Ġwanni, f'Bagnoregio ħdejn Viterbo, l-Italja, fl-1218.
- Meta kellu madwar 20 sena mar jistudja fl-Università ta' Pariġi minn fejn kiseb il-lawrja fil-Letteratura. Dak iż-żmien kien hemm il-famuż patri Franġiskan Ingliż, Alessandru ta' Hales.
- Fl-1243 daħal fl-Ordni tal-Franġiskani Minuri u ħa l-isem ta' Bonaventura. Huwa studja l-Filosofija u t-Teoloġija. Barra mil-moħħ intelliġenti li kellu, kien imżejjen ukoll bi mħabba kbira lejn Alla. Kien bniedem ġentili, ferħan u dejjem lest li jgħin lill-oħrajn.
- Ta' 27 sena, inħatar professur tat-Teoloġija u tal-Iskrittura fl-Università ta' Pariġi (1248-1257).
- Fl-1257, flimkien mal-ħabib kbir tiegħu San Tumas ta' Aquino kiseb id-dottorat fit-Teoloġija mill-Università ta' Pariġi.
- Ftit qabel fl-istess sena, intgħażel biex ikun is-superjur ġenerali tal-Franġiskani, meta kien qrib l-40 sena. Mexxa l-ordni għal 17-il sena. F'dan iż-żmien, fl-ordni kien hemm kwistjoni serja bejn dawk li riedu jinterpretaw ir-regola ta' San Franġisk litteralment speċjalment dwar il-povertà u dawk li riedu jimmodifikaw ir-regola; hu għaraf iżomm pożizzjoni medja.
- Fl-1263, San Bonaventura ordna li fi nżul ix-xemx tindaqq il-qanpiena f'kull monasteru, u tingħad it-talba tas-Sliema għall-unur tal-Madonna. Hu kien jaħseb li kien f'dak il-ħin li l-anġlu ħabbar lill-Madonna li kellha ssir Omm Alla; minn hawn daħlet l-użanza li jindaqq l-Anġelus.
- Fl-1265 il-Papa Klement IV ried jagħmlu arċisqof ta' York fl-Ingilterra, iżda hu ma aċċettax.
- Fl-1273, il-Papa Girgor X ħatru kardinal-isqof ta' Albano. Jingħad li l-messaġġiera tal-Papa li wasslulu l-aħbar, sabuh fil-kċina jaħsel il-platti.
- Miet fl-15 ta' Lulju 1274, ta' madwar 56 sena, waqt li kien qed jieħu sehem l-iktar attiv fl-14-il Konċilju Ekumeniku li kien it-tieni wieħed ta' Lyons.
- San Bonaventura ħalla ħafna kotba ta' għerf kbir.
- Il-Papa Sistu IV ddikjarah qaddis fl-1482 u l-Papa Sistu V fl-1588 ikkonfermah duttur tal-knisja u sejjaħlu Duttur Serafiku.

**Riflessjoni:**
L-akbar preokkupazzjonijiet ta' San Bonaventura kienu l-imħabba t'Alla, it-talb u l-kontemplazzjoni. Baqa' msemmi għall-prietki tiegħu. Jingħad li darba, waħda mara xiħa li semgħetu jipprietka, u li kienet taf kemm kien bniedem għaref, qaltlu: "*X'xorti kbira għandek inti! Bil-għerf tiegħek inti tista' tant tagħraf 'l Alla u ssir qaddis kbir."* Imma San Bonaventura weġibha: "*Biex issir qaddis kbir mhux għerf hemm bżonn, iżda li tkun tħobb ħafna lil Alla, u din il-ħaġa jista' jagħmilha anki l-iktar bniedem injurant."*

**Ħsieb:**
*"Il-bniedem li hu dejjem ferħan għandu sinjal qawwi li fih hemm il-grazzja t'Alla."*
San Bonaventura

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 142, it-2 parti**
*Poverty deserves little esteem unless it is accompanied by humility. Accordingly, Saint Bonaventure tried especially to acquire this virtue. No sooner had he entered the novitiate than his greatest pleasure was to sweep the house, wash the pots, and devote himself to the lowliest chores in the monastery. This same virtue led him to refuse the archbishopric of York in England and made it necessary for the Pope to give him a specific order to accept the position of Minister General of his order. In this work, in spite of its exalted character, he behaved with such great simplicity that he could be distinguished in nothing from the other religious.*
*Similarly, when chosen to be a cardinal, he lived without any ostentation and in the practice of religious humility. In return God rewarded him with the wisdom of the Holy Spirit, by whom he was singularly favored.*
*The more humble you are, the more graces you will receive. This is one virtue you need very much in your state.*



**TALBA**

*O Alla, kollok għerf u mħabba,*
*int ħeġġiġt lil San Bonaventura*
*bi mħabba lejn Kristu,*
*li hu l-għerf u l-qawwa tiegħek.*
*Bl-interċessjoni tiegħek*
*xerred fuq il-knisja tiegħek*
*in-nar jaqbad tal-Ispirtu s-Santu*
*biex jitħeġġu l-qlub tagħna bl-għerf tas-salib.*
*Dan nitolbuh bi Kristu Sidna l-iben tiegħek*
*li jgħix u jsaltan miegħek u mal-Ispirtu s-Santu*
*Alla wieħed, għal dejjem ta' dejjem.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, is-16 ta' Lulju**
**L-imqaddsa verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu**
It-Tifkira tal-Aħħar Dehra tal-Madonna lil Bernardina f'Lourdes

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1 Slaten 18: 42-45 | Elija jitlob għax-xita. |
| 2. Salm 14: | Nimxu warajk kull fejn teħodna, Verġni Marija. |
| *jew* | |
| 1. Żakkarija 2: 14-17 | Għajjat bil-ferħ u nfexx fil-hena, bint Sijon. |
| 2. Salm Luqa 1: | Is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar. |
| 3. Ġwanni 19: 25-27: | Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib, ommu. |
| *jew* | |
| 3. Mattew 12: 46-50: | Medd idu lejn id-dixxipli u qal: "*Dawn, ara, huma ommi u ħuti.*" |

**IT-TIFKIRA OBBLIGATORJA TAL-MADONNA TAL-KARMNU.**

- L-għolja msejħa 'Karmel' li bil-Lhudi tfisser 'Ġnien' hi miżgħuda bis-siġar u kienet post favorit fejn fis-seklu 9 q.K. kien jirtira l-profeta San Elija għall-kwiet biex jgħix f'ħajja ta' talb u penitenza.
- L-ordni tal-Karmelitani jaf il-bidu tiegħu lill-grupp ta' pellegrini li, fis-seklu 12, kien jgħix bħala eremit fil-ġnub tal-muntanja Karmel, fejn kien hemm oratorju ddedikat lill-verġni Marija. Meta l-kruċjati ġew megħluba f'Ġerusalemm, ħafna mill-eremiti emigraw lejn l-Ewropa u ġew organizzati mill-ġdid fuq il-linja tal-patrijiet mendikanti. Imma l-ordni sab ħafna diffikultajiet u oppożizzjoni.
- Skont it-tradizzjoni Karmelitana, waqt dan iż-żmien ta' tiġrib, il-Verġni Mbierka dehret lis-Superjur Ġenerali San Xmun Stock, fis-16 ta' Lulju 1251, u tatu l-labtu tal-ordni bħala sinjal tal-protezzjoni tagħha u bħala sinjal speċjali tal-imħabba tagħha lejn l-ordni.
- Il-Karmelitani xerrdu din id-devozzjoni fis-sekli ta' wara speċjalment billi żdiedu magħhom nies lajċi permezz tal-labtu kannella u li l-Insara jilbsu b'devozzjoni lejn il-Madonna biex tħarishom fil-perikli tar-ruħ u tal-ġisem, u fl-istess ħin ifisser sinjal tal-konsagrazzjoni tagħhom lil Marija.
- Diversi parroċċi u knejjes f'Malta huma ddedikati lill-Madonna taħt it-titlu tal-Karmnu, fosthom is-santwarju għażiż tal-belt fejn tiġi ċċelebrata l-festa tagħha b'solennità kbira u li għaliha jattendu ħafna nies mid-diversi bliet u rħula ta' Malta u Għawdex.
- Bħal-lum taħbat it-tmintax u l-aħħar dehra tal-Madonna ġewwa Lourdes, li seħħet fis-16 ta' Lulju 1858.

**Mill-istorja tal-istitut:**
Bħal-lum, fl-1734, il-fdalijiet ta' Ġwanni Battista De La Salle, kienu maqlugħa mill-qabar u trasferiti mill-parroċċa ta' San Saver f'Rouen għall-kappella ġdida li nbniet fil-propjetà tal-Brothers ġewwa San Yon.

**Riflessjoni:**
*"L-eżempju ta' Marija jgħin lill-Knisja tapprezza aħjar il-valur tas-silenzju. Is-silenzju ta' Marija ma kienx biss moderazzjoni fid-diskors, iżda b'mod speċjali, kapaċità għaqlija, biex tiftakar u tħaddan, b'ħarsa waħda ta' fidi, il-misteru tal-Verb magħmul bniedem u l-ġrajjiet kollha tiegħu fid-dinja. Huwa f'dan is-silenzju bħala l-aċċettazzjoni tal-kelma, din l-abbiltà biex timmedita fuq il-misteru ta' Kristu, li Marija twassal lill-Insara kollha. F'dinja storbjuża mimlija b'kull xorta ta' messaġġi, ix-xhieda tagħha tgħinna napprezzaw dak is-silenzju mogħni bi spiritwalità u jkabbar l-ispirtu kontemplattiv."*
San Ġwann Pawlu II, Papa

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 151, silta mit-2 punt**
*Let us have a great veneration and a most tender devotion to the Most Blessed Virgin, because it is through her that we receive the benefits that God wishes us to have. Entering into detail concerning these benefits, he explains as follows: The Holy Spirit distributes all his gifts, graces, and virtues to whomsoever he pleases, when he pleases, and in the manner and the amount he judges proper, through the ministry of the Most Blessed Virgin. Saint Anselm, to stir up our trust in her, adds that when someone invokes the name of the Mother of God, even if the one who has recourse to her does not deserve to be heard, the merits of this most holy Mother of God still suffice to win from God's goodness whatever that person asks. Let us, then, have confidence, as Saint Bernard continues, that if we have true devotion for the Most Blessed Virgin, nothing we need for our salvation will be lacking.*



**TALBA**
**Din it-talba San Ġwann Battista De La Salle**
**kien jgħidha wara kull eżerċizzju.**
**Hi t-talba l-iżjed antika lill-Madonna.**

*Omm Qaddisa tal-Kbir Alla taħt il-mant tiegħek nistkennu,*
*tirrifjutax it-talb minn tagħna waqt li lilek aħna ntennu:*
*fil-bżonn kbir, int ieqaf magħna, mill-periklu int ħarisna,*
*bit-talb tiegħek int qaddisna, magħna kun dejjem pietuża*
*o verġni mbierka u glorjuża.*

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, is-17 ta' Lulju**

San Marċellinu

San Alessju

Il-Beata Tereża ta' Santu Wistin – verġni, u Sħaba - martri

Il-Beatu Ċestaw tal-Polonja – presbiteru

Il-Beata Maddalena Albrici – verġni

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Iżaija 38: 1-6.21-22.7-8 | Jien smajt it-talba tiegħek, rajt id-dmugħ tiegħek. |
| 2. Salm - Iżaija 38, 11-12,16 | Mulej, int salvajtli 'l ħajti mill-ħofra tal-qerda. |
| 3. Mattew 12: 1-8 | Bin il-bniedem huwa sid is-Sibt. |

**SAN ALESSJU (†412-435)**

- Rakkont Sirjan tas-seklu 5 jiddeskrivi lil San Alessju bħala nobbli għani Ruman. Alessju kien l-uniku iben ta' senatur Ruman għani. Mill-ġenituri Insara tajbin tiegħu, huwa tgħallem ikun karitattiv mall-foqra.
- Alessju ried jagħti l-ġid u l-unuri tiegħu imma l-ġenituri tiegħu għażlu għarusa għanja għalih. Minħabba li din kienet ir-rieda tagħhom, huwa żżewiġha. Madankollu dritt fil-ġurnata tat-tieġ bil-lejl, bil-kunsens ta' martu, ħalla Ruma. Imbagħad, moħbi, ivvjaġġa lejn is-Sirja fil-Lvant u għex f'faqar kbir ħdejn Knisja tal-Madonna tal-Karmnu.
- Darba minnhom, wara sbatax-il sena, l-Imqaddsa Omm Alla tkellmet minn pittura biex tgħid lin-nies li dan it-tallab kien qaddis ħafna. Hija sejħitlu "Il-bniedem ta' Alla"; hekk sar famuż, u din kienet l-aħħar ħaġa li xtaq, għalhekk hu ħarab lura lejn Ruma.
- Hemmhekk daħal bħala tallab fid-dar ta' missieru. Il-ġenituri tiegħu ma għarfuhx, u peress li kienu nies twajba ħafna man-nies foqra kollha, ħallewh joqgħod hemm.
- Alessju għal sbatax-il sena għex f'kantuniera taħt it-taraġ. Huwa kien imur biss biex jitlob fil-knisja u biex jgħallem lit-tfal dwar Alla.
- Ħafna drabi l-qaddejja kienu jġibu ruħhom ħażin miegħu u jmaqqdruh, u għalkemm huwa seta' jtemm dawn it-tbatijiet kollha biss billi jgħid lil missieru min kien, huwa għażel li ma jitkellem xejn. X'kuraġġ u qawwa kbira ta' rieda jrid ikollok!
- Wara li Alessju miet, il-familja tiegħu sabet nota fuq ġismu li kienet tgħid min kien u kif kien għex ħajtu ta' penitenza mill-jum tat-tieġ tiegħu sa dakinhar, għall-imħabba ta' Alla.
- Iċ-ċentru tal-qima lejh kien fuq l-għolja tal-Aventinu, fil-bażilika ta' San Bonifaċju f'Ruma. Lejn tmiem is-seklu 10, dil-knisja bdiet iġġib l-isem ta' San Bonifaċju Martri u San Alessju.

**Riflessjoni:**
Kien għad għandu biss 33 sena meta l-opinjoni pubblika daret kontrieh. Qabduh l-għedewwa tiegħu u għaddewh taparsi qorti. Sallbuh bejn żewġ ħallelin. Meta miet difnuh f'qabar ħaddieħor.
Għaddew elfejn sena, u llum hu ċentru tal-umanità, u l-*leader* tal-progress tal-bnedmin. L-armati kollha li qatt immarċjaw, il-flotot kollha li qatt baħħru, u r-rejiet kollha li qatt saltnaw ma missewx il-ħajja tal-bnedmin daqs dan il-bniedem waħdu.
Kif irnexxielu Ġesù jagħmel differenza tant kbira fid-dinja tagħna? Għamilha billi biddel il-qlub tal-bnedmin – waħda waħda. Għamel bidla fil-ħajja ta' ftit sajjieda sempliċi mill-Galilea, u dawn messew il-ħajja ta' komunitajiet żgħar ta' nies f'Antijokja, Korintu u Ruma. U hekk il-bidla mxiet minn qalb għal oħra, minn komunità għal oħra.
Illum, ukoll, Ġesù jista' jagħmel differenza fid-dinja tiegħi – fid-dar, fl-iskola, fil-post tax-xogħol u tad-divertiment – biss jekk iġib bidla fija. Tajjeb li nitolbu għal din il-bidla. Nitolbu li kull wieħed u waħda minna nistiednu lil Ġesù f'ħajjitna, fid-dar tagħna, fost il-ħbieb tagħna ...

Fr. Harry Formosa S.J.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 143, it-2 punt**
*This saint (Saint Alexis) was not satisfied to live unknown in the world; he also wished to live in poverty. After giving away all he had to the poor, he put on a poor man's garb and resolved to spend the rest of his life in the practice of voluntary poverty. He did this to such an admirable degree that having returned to his father's house, he continued to live there as a pauper amidst riches and was regarded as a beggar in the midst of the wealth that belonged to him.*
*This was acting as Jesus Christ had done when he lived on this earth; even though everything belonged to him, he remained like a stranger and a poor man, living on alms and never wishing to possess anything as his own.*
*Because you have the advantage of working especially for the instruction of the poor, you must, according to the spirit of your Institute, have a much higher regard for them than for the rich. You also ought to live as the poor do, detached from everything in order to have some conformity with them. Have, then, as much love for poverty as people of the world have for riches.*



**TALBA**
*O Alla,*
*inti tajt il-ħajja lid-dinja*
*permezz tal-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' ibnek Ġesù Kristu.*
*Bl-interċessjoni ta' ommu Marija*
*agħtina d-dawl u l-fejqan li hu jġib.*
*Hu li jgħix u jsaltan miegħek, u*
*mal-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed*
*għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen.*

**Missierna …**

**Is-Sibt, it-18 ta’ Lulju**
**L-Imqaddsa Verġni Maria f’Jum is-Sibt**
San Xmun minn Lypnica – presbiteru
San Bruno – isqof
San Pambo

*“Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen.”*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Mikea 2: 1-5 | Jekk jitlebilbu għall-għelieqi, jisirquhom; jekk għad-djar jaħtfuhom. |
| 2. Salm 9 :22-25,28,29,35 | Mulej, la tinsihomx lill-imsejknin. |
| 3. Mattew 12: 14-21 | Ordnalhom bis-sħiħ biex ma jurux min kien, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad. |

**SAN PAMBO (†ċ.393)**

- ❖ Qaddis ieħor li jfakkar il-martiroloġju Ruman illum hu San Pambo, abbati tad-deżert ta’ Nitrija, fl-Eġittu. Hu wieħed mill-aktar magħrufa fost l-irħieb tad-deżert.
- ❖ Hu kien dixxiplu ta’ San Anton Abbati, u kien magħruf l-aktar għas-silenzju tiegħu u għall-pariri siewja li kien jagħti u li ħafna minnhom baqgħu magħrufa fost l-għerf li ħareġ mill-patrijiet tad-deżert, fosthom il-preferita tiegħu: "*Oqgħod attent li ma toffendi qatt lill-proxxmu tiegħek."*
- ❖ L-istorja tiegħu saret eżempju klassiku għall-vers li nsibu fl-ittra ta’ San Ġakbu: *"Min ma jiżbaljax bil-kelma, dan hu bniedem perfett"* (Ġk. 3:2).
- ❖ Sokrate, fil-ktieb tiegħu l-Istorja tal-Knisja jirrakkonta kif Pambo, billi kien ta’ bla skola, darba mar għand raħeb ieħor biex jgħallmu salm. Intagħżel is-salm 39. Meta Pambo sema’ l-ewwel vers tiegħu: "*Jiena għidt: jiena nħares triqti biex ma nidnibx bi lsienni",* Pambo telaq bla ma stenna li jisma’ xi biċċa oħra, billi ħaseb li dak kien ikun biżżejjed għalih kieku kellu jipprattikah bil-verità. Xi sitt xhur wara, is-surmast tiegħu mar sabu u ċanfru kif hu ma reġax mar biex jitgħallem xi biċċa oħra mis-salm, iżda Pambo qallu li kien għadu jitħabat biex jipprattika sew fuq dak l-ewwel vers.
- ❖ Ħafna żmien wara, meta kien mistoqsi kif kien sejjer fuq il-proġett tiegħu, wieġeb: *"Ikolli ngħid li għadni bilkemm irnexxieli biex nasal fejn nixtieq matul dawn id-dsatax-il sena*."
- ❖ Ħafna kienu jmorru għandu għall-pariri spiritwali, fosthom jissemmew Santa Melanja u l-famuż Sant’Atanasju isqof.
- ❖ San Pambo miet fis-sena c.393, fil-preżenza ta’ Santa Melanja.

**Riflessjoni:**

Il-liġi Lhudija ma tippermetti lanqas biss fejqan nhar ta' Sibt, għax skont il-liġi l-bniedem huwa għas-Sibt. Għal Ġesù, kollox, anke s-Sibt, huwa magħmul għall-bniedem. Din l-attitudni ta’ Ġesù tant skandalizzat lil-Lhud li ppjanaw li joqtluh sabiex jippreservaw il-liġi! Ġesù jwarrab mill-post, iżda jkompli l-missjoni tiegħu tal-ħelsien. Huwa jitlob lil dawk li kisbu xi fejqan mingħandu biex jibqgħu siekta dwaru

għalissa, għax ma riedx iqajjem rabja u persekuzzjoni minn fost il-Lhud. Bħala l-qaddej ta' Alla b'mod eċċellenti, Ġesù ried jaġixxi fil-moħbi - "*Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu; ma jsemmax leħnu fil-pjazez*" (Is. 42: 2). Huwa jgħix fil-moħbi, mistur; fih jitwettqu t-tamiet marbuta mall-qaddej ta' 'Yahweh'. My Daily Gospel, 2020

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.19, silta mill-1 punt**
*When you are sick, you can scarcely be cured if you cannot explain what is wrong; so too if you do not expose the wound in your soul to your spiritual physician, you run the risk of remaining ill for a long time. What was at first only a slight spiritual difficulty becomes a strong temptation, because the sufferer did not have the courage to discuss it openly with his Director. A fault thus concealed is followed by another still more serious, and in the end the problem becomes incurable because it was not brought to light at the beginning, when nothing would have been easier to remedy.*



**TALBA**

*Mulej, nitolbok għar-rigal*
*tal-għerf, l-għaqal u l-fehma.*
*Dan nitolbulek għax nixtieq naħdem*
*biex niżviluppa moħħ miftuħ*
*għall-għarfien u l-għaqal*
*biex nagħmel użu tajjeb*
*ta' dak kollu li naf u nesperjenza.*
*Ammen.*

Br.Nicholas Hutchinson

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, id-19 ta' Lulju**
**Is-16-il Ħadd taż-Żmien ta' Matul is-Sena**

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għerf 12: 13,16-19 | Int tagħti lill-midinbin żmien għall-indiema. |
| 2. Salm 85 : 5,6,9,10,15,16a | Mulej, int tajjeb u taħfer. |
| 3. Rumani 8: 26-27 | L-Ispirtu stess jidħol għalina. |
| 4. Mattew 13: 24-30 *jew* 43 | Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien. |

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Is-soluzzjonijiet li jagħtuna s-sens komun tajjeb, anke jekk ma jkunux l-aħjar, almenu huma l-iktar konvenjenti – taqbdux u taqilgħu s-sikrana - jordna s-sid għaref tal-parabbola – ma tmorrux taqilgħu l-qamħ magħha. Dan hu raġunament tajjeb għaliex iż-żewġ pjanti jixxiebħu ħafna u jintgħarfu biss meta jkunu kibru, bħal fil-ħajja fejn il-ħażen u t-tajjeb jitħalltu bejniethom tant li spiss hi biċċa xogħol iebsa mhux biss li tagħmel it-tajjeb u tiġġieled il-ħażin imma anke biex tagħraf wieħed mill-ieħor.
- Bla dubju, din hi r-raġuni għaliex Alla l-imbierek – sid l-għalqa tal-parabbola – jiddeċiedi li jieħu f'idejh din il-biċċa xogħol: id-dubji tiegħu dwar il-kapaċità tas-servi tiegħu biex jieħdu deċiżjonijiet u jiddexxernu, huma ġġustifikati jekk nagħtu ħarsa lejn l-istorja tad-dinja. Il-vjolenza, id-dmugħ u d-demm jimmarkaw is-sekli kollha, xogħol il-qerrieda ta' razez, kulturi u reliġjonijiet differenti li bl-intenzjonijiet li jeqirdu l-ħażen u jibnu d-dinja ġdida li kellhom f'moħħhom, irnexxielhom biss iħalltu kollox u jagħmlu biss qatta' ħaxix waħda.
- Meta naħsbu x'inhi dik il-ħaġa komuni li hemm fl-inkwiżituri Nsara bit-torturi tagħhom, is-sħaħar u l-eretiċi; l-integralisti Islamiċi u l-kamikażi mġienen tagħhom; ideoloġisti tal-lemin u tax-xellug bil-kampijiet ta' konċentrament u l-ħabsijiet tagħhom; it-terroristi u l-utopisti rivoluzzjonarji bl-istraġijiet tagħhom... jekk mhux dik l-ossessjoni li jeħilsu d-dinja mis-sikrana li skont huma qiegħda tifga d-dinja. Forsi mhux biex jeħilsu l-poplu t'Alla mill-qerq mill-persuna u l-messaġġ tiegħu, li l-Fariżej u l-kittieba u oħrajn li qaċċtu lil Ġesù b'dik il-vjolenza mid-dinja?
- F'dan il-punt, nifhmu kemm hi deċiżjoni għaqlija li Alla jżomm għalih id-dritt li jagħmel ġudizzju, mhux biss imma jgħid l-aħħar kelma fuq x'inhu ħażin u x'inhu tajjeb, hekk li biex inkunu nafu aħna rridu nistaqsu lilu li hu tjubija u għerf infinit.
- Is-sens komun li s'issa tkellimna fuqu mhux biżżejjed biex jispjega kollox: Santu Wistin kien diġà jgħid "*fl-għalqa tad-dinja tagħna, iż-żbula tibqa' żbula u s-sikrana tibqa' sikrana: bil-maqlub, fl-għalqa tal-Mulej dak li kien qamħ isir sikrana u dak li kien sikrana jsir qamħ tajjeb, għax ħadd ma jaf x'se jiġri għada.*" Din hi s-sorpriża li jġib miegħu l-intervent t'Alla, is-saltna t'Alla li tidħol fl-istorja bil-persuna ta' Ġesù min-naħa tibdel l-iktar ħaxix ħażin f'qamħ tajjeb, kif jixhdu l-konverżjonijiet tal-istorja li għalhekk issir storja ta' maħfra u

salvazzjoni. Min-naħa l-oħra tikxef l-intenzjonijiet tal-qalb tal-bniedem dak li hemm lil hinn mill-formalità reliġjuża u l-korrettezza legali.

- Insomma, il-wasla tas-saltna t'Alla fid-dinja terġa' tpoġġi kollox f'diskussjoni; fuq kollox turina kif "*għax sid il-qawwa, int tagħmel ħaqq bil-ħniena; lilna tmexxina bi tjieba kbira. Għax għandek is-setgħa wkoll issibha meta tridha. B'dan l-għemil int għallimt lill-poplu tiegħek, li l-ġust għandu jkun tajjeb. Din hi t-tama sabiħa li inti tajt lil uliedek, li inti tagħti żmien għall-indiema ta' dnubiethom*" (Għerf 12:18-19) kif jgħidilna l-ewwel qari tal-lum. L-iktar ħaġa li tissorprendina hi l-paċenzja t'Alla, sid l-għalqa; paċenzja li tafda lill-umanità avolja ma jistħoqqilhiex, paċenzja qawwija li ma ċċedi qatt għall-ħażen, paċenzja mimlija ħniena li ma trid titlef lil ħadd. Imma l-paċenzja divina ma tissaportix il-ħażen, ma tadattax ruħha kif nagħmlu aħna għall-vantaġġi illużjonarji li jġib miegħu u lanqas ma tipprova tinjorah kif inhu moda llum fejn ġie ddikkjarat li d-dnub ma jeżistix; imma tiġġilidlu bil-qawwa kollha mingħajr biża' mir-rebħa temporanja tiegħu għax taf li l-qerda tiegħu se tkun għal dejjem u ġa miktuba fl-istorja u se tkun irrivelata meta Ġesù jerġa' jiġi fil-glorja.

*Minn 'La Realtà é Cristo', Don Davide Rota*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 11, silta mit-3 punt**

*What constitutes the merit of a person living in a religious community is not the kind of actions done there but the perfection of the obedience with which they are done. This is what ought to distinguish a religious from a secular person. The deeds of the former are sanctified, because they are carried out through obedience, whereas for the latter, deeds are sanctified only by their intrinsic merit.*
*Let us examine whether obedience motivates and rules our conduct. We ought to give this question our most serious attention.*



**TALBA**

*Spirtu Qaddis, nifs t'Alla,*
*int tiġi għandi biex tfakkarni*
*l-għemejjel u l-kliem ta' Ġesù,*
*kull darba li naqra l-Vanġelu.*
*Għinni ħalli nifhem aktar dik il-'***Fidi'** *li jridu*
*jwassluli f'qalbi, f'moħħi, biex issaħħaħ fija l-fidi.*
*Warrab minn quddiem għajnejja*
*dik il-biża' li nħoss li tixhed kontra dik it-tama,*
*li għandi fik, Mulej Alla.*

Bro Louis Camilleri

**Missierna ...**

**It-Tnejn, l-20 ta' Lulju**
San Elija – profeta
Santa Margerita – verġni u martri
San Apollinaris – isqof u martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Mark 6: 1-4.6-8 | Bniedem, huwa wriek x'inhu tajjeb u x'jistenna minnek il-Mulej. |
| 2. Salm 49: 5-6.8-9.16bċ-17.21 u 23 | Min jimxi bis-sewwa nurih is-salvazzjoni ta' Alla. |
| 3. Mattew 12: 38-42 | Is-sultana tan-Nofsinhar għad tqum u teħodha kontra dan in-nisel. |

**SANTA MARGERITA (289-304) - verġni u martri**

- Illum issir it-tifkira ta' Santa Margerita (jew Marina) verġni u martri.
- Jingħad li din kienet bint qassis pagan minn Antjojka tal-Pisidja u li kienet konvertita minn mara nisranija li rabbietha flok ommha.
- Mietet martri taħt l-Imperatur Djoklezjanu.
- Jingħad li meta kienet qed tiġi interrogata dwar it-twemmin tagħha, l-imħallef qalilha li tfajla intelliġenti bħalha ma kienx jixirqilha tadura lil Ġesù li miet imsallab. Il-qaddisa staqsietu kif kien jaf li Ġesù miet imsallab, u meta l-imħallef weġibha li l-kotba tal-Insara stess, l-evanġelji, kienu jgħidu dan, il-qaddisa kienet pronta weġbitu: *"Mela allura ma qlibtx il-folji ta' wara fejn jingħad ukoll li dan Ġesù qam mill-mewt u ħareġ rebbieħ mill-qabar?"*
- Santa Margerita hija waħda mill-14-il qaddis awżiljatur, u hi msejjħa kontra l-mard tal-kliewi.
- F'Għawdex il-parroċċa tas-Sannat hi ddedikata lil din il-qaddisa. Tinsab miqjuma wkoll fil-monasteru tat-Tereżjani f'Bormla u knejjes żgħar iddedikati lilha nsibuhom fis-Siġġiewi, il-Mosta u Għajn Riħana.

**Riflessjoni:**

Qalu ħafna ħwejjeġ fuqu (Ġesù), fosthom li: "*Kien wikkiel u sakranazz, ħabib tal-Publikani u l-midinbin ..."* (Mt. 11:19). U Ġesù qatt ma jgħid li mhux veru. Kien iħobb jiekol u jixrob mal-midinbin u allura aktar qalu li ma setax ikun profeta. Ġesù qatt ma ħalla lil ħadd iħossu barrani għas-saltna tiegħu. Kien iħabbar il-bxara t-tajba ta' Alla lil kulħadd. Is-Saltna ta' Alla titlob li kulħadd jikkonverti u jbiddel il-mod ta' kif jaħsibha.
Hu kien liberu li jiekol u anke li ma jiekolx! Hu ma jibqax lura milli jsum; sempliċiment ma joqgħodx jitkabbar b'li jagħmel. Ġesù ma kienx jibża' mill-ġudizzju tal-oħrajn. La kien ifittex rikonoxximent u lanqas approvazzjoni tal-imġiba tiegħu min-naħa tar-reliġjużi u tal-ambjent li fih kien jgħix. Alla kien is-sostenn tiegħu, il-punt ta' riferiment tiegħu; għalhekk seta' jagħmel dak kollu li jara tajjeb.

Bruno Ferrero, *10 Raġunijiet Tajbin Għaliex Għandek Tkun Kristjan u Kattoliku*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 165, silta mit-3 punt**

*Let us, then, like Saint Paul, place all our glory in bearing in our bodies the sacred wounds of the suffering Jesus, so as to make ourselves conformable to Jesus crucified and to honor his Holy Cross in the manner that will be most pleasing to him and most efficacious and advantageous for us. We judge well that the entire life of Jesus was nothing but a cross and a constant martyrdom. We will never appear better as his servant, his friend, and his imitator than by imprinting on ourselves the sign of his Holy Cross and by suffering pain like his.*

*How could we dare look for another way to please God, to honor God, and to offer an agreeable sacrifice except by the way of the blessed cross. Jesus, our Savior, did not spend a single hour of his life without suffering in order to honor his Father, and no saint has ever lived in this world without suffering and without the cross.*



**LBA**

*Mulej Alla tiegħi,*
*meta nħares lejn is-smewwiet*
*li subgħajk ħolqu*
*u nħares lejn il-qamar u l-kwiekeb*
*li inti poġġejt hemm fuq*
*ninduna kemm aħna ċkejknin fil-qofol tal-ħolqien tiegħek.*
*Madanakollu aħna l-mimmi t'għajnejk*
*u għamiltna sidien fuq kollox, u fuq il-ħolqien tiegħek.*
*Hekk Mulej naraw il-kobor tiegħek fid-dinja kollha.*
*Ammen.*

Br. Nicholas Hutchinson

**Missierna ...**

**Nitolbu għal**
Bro. Alfred Spiteri (1992)
**Agħtih O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem...**

**It-Tlieta, il-21 ta' Lulju**
San Lawrenz ta' Brindiżi – saċerdot u duttur tal-knisja
Santa Prassede – verġni u martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Mikea 7: 14-15.18-20 | Jarmi ħtijietna kollha f'qiegħ il-baħar. |
| 2. Salm 84: 2-4.5-6.7-8 | Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek. |
| 3. Mattew 12: 46-50 | Medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti!" |

**SAN LAWRENZ TA' BRINDISI (1559-1619) - saċerdot u duttur tal-knisja**

- S. Lawrenz jissejjaħ ta' Brindisi għax twieled f'din il-belt Taljana.
- Hu daħal mal-Kappuċċini ta' 16-il sena f'Venezja, studja f'Padova u wera kapaċità kbira fl-istudju tat-Teoloġija u tal-Lingwi.
- Flimkien mal-Beatu Benedittu Urbino beda jwaqqaf kunventi tal-Kappuċċini fil-Ġermanja u jikkumbatti l-protestantiżmu n-naħa tat-tramuntana. Bdew iduru bil-morda bil-pesta u waqqfu l-provinċji tal-Boemja u tal-Awstrija. Kien magħruf bħala predikatur famuż u pprietka f'diversi pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali.
- Bħala kappillan tal-qawwiet Insara u bil-kurċifiss f'idu, S. Lawrenz irnexxielu jmexxihom biex waqqfu l-avvanzata tat-Torok taħt Mohammed III fi Szekesfehervar fl-1601.
- Fis-sena ta' wara ntagħżel bħala ministru ġenerali tal-ordni tiegħu għal tliet snin, iżda rrifjuta li jiġi elett darb'oħra. Papiet, prinċpijiet u mexxejja ta' bliet inqdew bih fuq qadi diplomatiku għax kienu jilmħu fih bniedem verament ta' Alla.
- Imma dan il-qaddis jibqa' l-aktar magħruf għall-ħafna kitbiet reliġjużi tiegħu fosthom kitbiet importanti fuq il-Madonna li ġew ippubblikati f'10 volumi kbar.
- Kellu memorja tal-għaġeb tant li jgħidu li kien kapaċi jikkwota ħafna mill-Bibbja bl-amment. Kien jaf diversi ilsna, fosthom il-Grieg, il-Latin, il-Lhudi, il-Franċiż, l-Ispanjol, it-Tedesk u l-Boem.
- S. Lawrenz ta' Brindisi miet dakinhar li għalaq is-60 sena fit-22 ta' Lulju 1619. San Ġwanni XXIII iddikjarah duttur tal-Knisja fl-1959.

**Riflessjoni:**

Il-kommunjoni hi mħabba, u l-imħabba hi xi ħaġa tassew ħajja li trid tieħu ħsiebha u tgħajjixha, inkella tmut. Biex ngħixu komunjoni fit-tul hemm bżonn li r-relazzjoni tinżamm friska u ħajja. Meta jkun hemm bżonn li wieħed jerġa' jixgħel il-fjamma, jiskopri l-'għaliex' tal-bidu, isaħħaħ it-tifkiriet bħal fl-anniversarji u jfejjaq il-feriti. Is-siġriet huwa l-kapaċità li wieħed jaħfer, iħalli t-tilwim wara dahru u jkun lest li jerġa' jibda…
La darba aħna maħluqa fuq xbieha ta' Alla, importanti li l-kommunjoni tkun konkreta, effettiva u tanġibli.

Bruno Ferrero, *10 Raġunijiet Tajbin Għaliex Għandek Tkun Kristjan u Kattoliku*

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 5, silta mill-1 punt**

*Saint Simeon, after blessing Jesus' father and mother in the Temple, told Mary, his mother, that this Child had come for the fall and for the resurrection of many in Israel. Many would profit by his death, while many others, lacking fidelity to the grace that the Redeemer would merit for them, would make of this very grace the occasion of their damnation. This saintly old man then added that Jesus Christ would be a sign of contradiction for all people.*

*Indeed, there were many who contradicted his conduct during his life. Even among Christians there are still many who every day contradict his teaching and his maxims. Some show little respect for the decisions of the Church.*



**TALBA**

*O Mulej Alla tagħna,*
*inti bgħattilna l-ħobż ħaj,*
*ibnek sidna Ġesù Kristu,*
*f'nofs l-umanità ta' fidi żgħira,*
*biex jgħajjixna u jqawwina fit-triq tagħna.*
*Bil-misteru tas-salib,*
*int ferrajt fuqna l-ispirtu, l-ilma tal-ħajja.*
*Ikollok ħniena min-nuqqas ta' fidi tagħna,*
*u mexxina fi triqatek, illum.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, it-22 ta' Lulju**

Santa Marija Maddalena
San Alberico Crescitelli - missjunarju

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Għanja tal-Għanjiet 3: 1-4a *jew* | Sibt lil dak li qalbi tħobbu. |
| 2Korintin 5: 14-17 | Issa lil Kristu ma nagħarfuhx aktar bil-għajnejn tal-ġisem. |
| 2. Salm 62: 2-6,8,9 | Għalik għatxana ruħi, Mulej, Alla tiegħi. |
| 3. Ġwanni 20: 1,2,11-18 | Mara, għaliex qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex? |

**SANTA MARIJA MADDALENA (l-ewwel seklu)**

- Skont it-tradizzjoni tal-Knisja tal-Punent, Marija Madalena, li tissemma f'kull wieħed mill-erba' vanġeli, hija identifikata mal-"mara midinba" li dilket riġlejn Ġesù bl-ingwent fid-dar ta' Xmun l-Imġiddem, kif ukoll ma' Marija ta' Betanja, oħt Marta u Lazzru. Ħafna kittieba, fosthom il-Missirijet (is-Santi Padri) tal-Lvant, ma jaqblux ma' dan u jgħidu li dawn kienu tliet nisa differenti. Dak li hu ċert hu din il-qaddisa kienet waħda min-nisa li mxew wara Ġesù u kienu jaqduh f'dak li kien ikollu bżonn.
- Ġesù fejjaqha minn marda serja, deskritta bħala 'seba' xjaten' minn S. Luqa. Insibuha wkoll ħdejn is-salib ta' Ġesù flimkien mal-Verġni Marija u assistiet ukoll għad-difna tiegħu. Kienet hi li l-Ħadd filgħodu kmieni sabet il-qabar ta' Ġesù vojt u baqgħet tibki fil-ġnien għax ħasbet li kienu ġew jisirqu l-ġisem ta' Ġesù.
- Skont il-Vanġelu Marija Madalena kienet l-ewwel waħda (naturalment wara l-Madonna - għalkemm il-Bibbja ma ssemmi xejn dwar dan) li rat lil Kristu rxuxtat meta hu dehrilha fil-ġnien qrib fejn kien midfun u għall-ewwel ħasbitu li kien il-ġennien.
- Id-devozzjoni lejn Marija Madalena xterdet għall-ħabta tas-seklu XII.
- F'Malta għandna knejjes tagħha fil-Belt Valletta, fil-Madliena u f'Ħad-Dingli.

**SAN ALBERICO CRESCITELLI (1863-1900) – missjunarju**

- Dan il-qaddis twieled fit-30 ta' Ġunju 1863, ġewwa Napli, fl-Italja . Fl-1880 ingħaqad mas-soċjetà tal-missjunarji barranin ġewwa Milan, u fl-4 ta' Ġunju 1887, ġie ordnat saċerdot.
- Fl-1888, intbagħat iċ-Ċina u beda x-xogħol tiegħu n-naħa t'isfel ta' Shaanxi.
- Ħadem ħafna fl-iskejjel u l-missjonijiet ta' madwar ix-xmara Han. Huwa kien bniedem ta' qdusija liema bħalha.
- Meta bdiet ir-rewwixta fiċ-Ċina dik imsejħa bħala Rewwixta *Boxer,* li ħolqot kaos kbir ġol-pajjiż, Dun Alberico nqabad mir-ribelli li sawtuh u qattgħuh biċċiet.
- Sħabu tas-soċjetà li kienu ilhom jafuh mill-qrib għal ħafna snin, wara biss 8 snin minn mewtu, fl-1908, bdew il-proċess għall-beatifikazzjoni.
- Huwa ġie bbeatifikat mill-Papa Piju XII fil-Bażilika ta' San Pietru fit-18 ta' Frar 1951. Fix-xhieda għall-beatifikazzjoni tiegħu ħarġet ċara l-qdusija ta' dan is-saċerdot, għalkemm kien hemm ħafna oppożizzjoni miċ-Ċina.
- Huwa ġie kkanonizzat f'Ottubru tal-2000, fil-pjazza ta' San Pietru, mill-Papa Ġwann Pawlu II.

**Riflessjoni:**

Fil-qalba tal-fidi Nisranija hemm il-konvinzjoni li meta l-mewt hija aċċetata fi spirtu ta' fidi u meta l-ħajja tal-bniedem hija mogħtija għall-oħrajn biex fl-aħħar wieħed bil-ferħ u b'rieda ħielsa jħalli ħajtu lura f'idejn Alla l-Ħalieq u Feddej, il-mewt tinbidel f'sodisfazzjon. Wieħed jirbaħ il-mewt bl-imħabba mhux bil-virtujiet erojċi tiegħu, billi jaqsam dik l-imħabba li biha Kristu aċċetta l-mewt fuq is-salib. Din mhix xi ħaġa tar-raġuni iżda tal-fidi.

Thomas Merton

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 144, l-1 punt**

*One cannot admire too greatly the tender love that Saint Mary Magdalen had for Jesus Christ. Attracted by the sight of his miracles and by his very moving discourses, she left the world in which she had been involved and gave herself entirely to Jesus Christ. Nothing held her back, neither human respect, which might have made her think of what people would say about the sudden change in her conduct, nor her attachment to the pleasures and comforts of life, nor her concern for status (Jesus Christ's followers were, for the most part, drawn from the outcasts of the people). She had so strong a thought to follow him that she renounced at once everything else for love of him and without regard for any human considerations.*



**TALBA**

*Mulej,*
*inti tħobb dak kollu li ħlaqt, fuq kollox il-bniedem,*
*u qiegħda FIK li tħobb u taħfer.*
*Mulej urini kif għandi nkun ġeneruż,*
*biex naċċetta u naħfer lil kullħadd,*
*bl-istess mod kif Inti*
*taċċettani u taħfirli.*
*Il-maħfra hija mogħtija lili*
*biex jien ngħaddiha lil ħaddieħor.*

Bro. Louis Camilleri

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, it-23 ta' Lulju**

Santa Briġida – reliġjuża u patruna tal-Ewropa
San Liborju – isqof
Santa Kunegunda – reliġjuża

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. Galatin 2: 19,20 — Ngħix, imma mhux jien, iżda Kristu jgħix fija.
2. Salm 33: 2-11 — Kull ħin imbierek il-Mulej.
3. Ġwanni 15: 1-8 — Min jibqa' fija, u jiena fih, dan jagħmel ħafna frott.

**SANTA BRIĠIDA (c.1302-1373) – reliġjuża u patruna tal-Ewropa**

- Briġida kienet bint il-gvernatur ta' Upland fl-Isvezja, hija żżewġet ta' xi 15-il sena, kellha tmint itfal u romlot meta kellha xi ħaġa żgħira fuq l-40 sena.
- Sa minn meta kellha 7 snin spiss kien ikollha viżjonijiet u rivelazzjonijiet. Bihom Briġida ħabbret il-ġejjieni u tkellmet bil-qawwa kontra l-vizzjijiet.
- Hija għaddiet l-aħħar 25 sena tagħha f'Ruma, ħlief għal xi pellegrinaġġi li għamlet, biex tikseb l-approvazzjoni għall-ordni ġdid tagħha tas-Ssmu. Salvatur (magħrufin bħala s-sorijiet Briġettini), u tagħti pariri fuq kwistjonijiet dwar il-knisja u l-istat fosthom ir-ritorn tal-papa minn Avignon.
- L-ulied favoriti tagħha kienu Katerina li hija wkoll qaddisa u Karlu li b'għaġeb kbir t'ommu ġġennen wara r-reġina Ġwanna ta' Napli u kien wasal biex jiżżewwiġha b'mod illeċtu, meta f'daqqa waħda marad u miet.
- S. Briġida kienet ukoll Terzjarja Franġiskana.
- Mietet meta kellha madwar 71 sena fl-1373 u kienet ikkanonizzata 18-il sena wara mewtha.
- Hija l-patruna tal-Isvezja. Hija wkoll, flimkien ma' oħrajn, patruna tal-Ewropa.

**Riflessjoni:**

Il-Mulej imexxi l-passi tiegħi, jien ma ngħaġġilx. Hu jixtieq li nieqaf u nistrieħ għall-ħinijiet kwieti. Hu jipprovdili xbihat ta' skiet li jerġgħu jagħtuni s-serenità tiegħi u jmexxini fil-mogħdijiet ta' effiċjenza bil-kalma tal-moħħ. Il-gwida tiegħu hija l-paċi. Għalkemm għandi ħafna ħwejjeġ kbar xi nwettaq kuljum ma ngħaġġilx għax il-preżenza tiegħu qiegħda hawn, il-ħin tiegħu, l-importanza kollha tiegħu żżomli l-bilanċ. Iħejji tiġdid fost ħafna attività billi jidlek moħħi biż-żejt tat-trankwilità. It-tazza tal-enerġija ferrieħa tfawwar, l-armonija jkunu l-frott ta' sigħat tiegħu, għax imxi fil-paċi tal-Mulej u ngħammar f'dan għal dejjem. Toki Miyashna

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:**

***Collection of Various Short Treatises***

*Possess nothing; dispose of nothing, not even of yourself. Strive to be detached and to lose everything, so that you can be like Jesus Christ, who spent his entire life in need, because of his love for us. This has been the practice of all the great saints, such as the Apostles and a great many others who withdrew from worldly society and labored for the salvation of souls. Imitate them in their contempt for temporal goods, because your state and duties resemble theirs.*

*Have nothing of your own; look upon everything you have as being in common with all your Brothers. Give up or hand over without hesitation whatever is asked of you. Deprive yourself as far as possible not only of what is superfluous but also of what is useful and necessary; be content when you lack something.*



**TALBA**

*O Missier Alla,*
*agħmel li permezz tal-kelma tiegħek*
*u l-ħarsien tal-Ispirtu s-Santu*
*tagħtina fidi soda u qawwija;*
*biex b'din il-fidi*
*nkunu nistgħu nerbħu kull prova,*
*b'hekk ukoll nifhmu*
*dak li ibnek Ġesù Kristu qalilna:*
*'Agħmlu l-qalb, jien erbaħt id-dinja.'* (Ġw.16:33)
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Nitolbu għal**
Bro. Gordian Robert Sammut (1987)
**Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...**

**Il-Ġimgħa, l-24 ta' Lulju**
San Ġwann Boste – saċerdot u martri
San Kalċedonju – martri
Santa Kristina – martri
San Sarbelju Makhluf – presbiteru
Il-Beata Marija Pilar u sħabha – verġni u martri
Il-Beata Marija Mercedes Prat – verġni u martri
Il-Beatu Anton Lucci – isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 3: 14-17 | Nagħtikom rgħajja għal qalbi. |
| 2. Salm Ġeremija 31: 10-13 | Il-Mulej iħarisna kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu. |
| 3. Mattew 13: 18-23 | Dak li jisma' l-kelma, u jifhimha, u jagħmel il-frott. |

**SAN SARBELJU MAKHLUF (1828-1894)**

- Ġużeppi Zaroun Makhluf twieled ġewwa Beka Karfa, villaġġ fil-Libanu. Missieru miet meta hu kellu biss tliet snin u rabbieh zijuh.
- Fl-età ta' 23 sena, Ġużeppi daħal fil-monasteru ta' San Maron ta' Annija fil-Libanu, u ħa l-isem ta' Sarbelju, għad unur qaddis martri tat-tieni seklu.
- Ħa l-aħħar voti tiegħu fl-1853, u sitt snin wara kien ordnat qassis.
- Fuq l-eżempju ta' San Moron, mis-sena 1875, sa meta miet, għex ħajja ta' solitudini u awsterità stretta ħafna, ġewwa ermitaġġ fil-Libanu. Kien ukoll devot ħafna tas-Santissimu Sagrament.
- Meta s-superjur tiegħu kien jibagħtu biex jamministra xi sagrament f'xi villaġġ, dan kien jagħmlu b'ferħ kbir.
- Kien imfittex ħafna minħabba l-qdusija tiegħu, u n-nies kienu jitolbuh il-barka tiegħu, u biex jitlob għalihom.
- Hu miet lejliet il-Milied tal-1898 u l-qabar tiegħu sar post ta' pellegrinaġġ, kemm għall-Insara u anke għall-oħrajn.
- Kien ibbeatifikat mill-Beatu Papa Pawlu VI, fl-1965, u tnax-il sena wara ġie kkanonizzat.

**Riflessjoni:**

Jekk jitqaċċat l-*għerq ta' siġra*, din tinxef u tmut; mhijiex tajba iżjed jekk mhux biex tinqata' u tinxteħet fin-nar (Lq. 3, 9 per eżempju); iżda jekk jitħalla għerq ċkejken fl-art, is-siġra tibqa' ħadra u tagħmel il-weraq, fjuri u frott. Hekk hi ruħi, Mulej, mingħajrek ma għandhiex għeruq u mhi tajba għal xejn, ma tistax tagħmel frott.

Jekk *fergħa maqtugħa* tinxef, il-frott aħdar mqabbad ma' din il-fergħa ma jistax isir; jibqa' aħdar, jinxef u jitħassar; hekk ruħi, Mulej. Iżda jekk il-fergħa tibqa' mqabbda mas-siġra, hija sabiħa u tagħmel ħafna frott.

**Lil min nixbah jiena?** Lil *warda* li tinqata' u titħalla tinxef f'id: hija titlef il-fwieħa. Iżda jekk tibqa' fuq is-sġajra tal-ward, hija dejjem friska u sabiħa, u żżomm il-fwieħa kollha tagħha. Il-Beata Marija ta' Ġesù Msallab

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.11, silta mill-1 punt**

*Because obedience is a source of grace for a religious, it can be compared to the good seed sown in a field, which produces a rich harvest for its owner. This, indeed, is the virtue that in people consecrated to God constitutes the entire merit of their actions, so that no matter how good these may be in themselves, they are valuable only insofar as obedience accompanies them. It may be said that what confers the crowning glory on their actions is obedience; however holy these works may be in themselves, unless obedience bestows on them their full luster, the beauty they possess is only apparent. This, it is true, suffices to dazzle those who do not look upon things with the eyes of faith, but truly enlightened people can discern all their falsity and vanity.*



**TALBA**

*O Alla Missier tagħna*
*bil-mewt ta' ibnek*
*żrajt iż-żerriegħa tas-siġra tal-ħajja,*
*fil-font ta' din id-dinja.*
*Bil-qawmien tiegħu*
*tajtna d-dawl u l-kenn.*
*Bil-għotja tal-Ispirtu s-Santu*
*saqqejtha bl-ilma tal-ħajja*
*li niżel minn ġenbu fuq is-salib.*
*Agħmel li ħajjitna tagħti l-frott mistħoqq*
*bl-istess Kristu Sidna, il-Mulej tagħna.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Is-Sibt, il-25 ta' Lulju**
L-Imqaddsa Verġni Marija f'Jum is-Sibt
**Jum il-Vokazzjonijiet fl-Istitut Lasalljan**
San Ġakbu Appostlu
San Kristofru – martri

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 2Korintin 4:7-15 | F'ġisimna qegħdin dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù. |
| 2. Salm 125: 1-6 | Min jiżra' fid-dmugħ jaħsad bil-ferħ. |
| 3. Mattew 20: 20-28 | Il-kalċi tiegħi tixorbuh. |

**SAN ĠAKBU APPOSTLU (l-ewwel seklu)**

- San Ġakbu jissejjaħ il-Kbir biex jiġi magħżul minn Ġakbu iżgħar minnu li kien iben Alfew.
- San Ġakbu kien Galilew minn Betsajda. Huwa ġie msejjaħ minn Ġesù flimkien ma' ħuh Ġwanni waqt li t-tnejn kienu qegħdin isewwu x-xbiek ma' missierhom Żebedew. Ġesù laqqamhom "*ulied ir-ragħad*" forsi minħabba t-temperament furjuż tagħhom. Kienu huma li talbu nar mis-sema biex jeqred lis-Samaritani li ma laqgħux lil Ġesù u ommhom talbet post għalihom fuq il-lemin u fuq ix-xellug ta' Kristu f'saltnatu.
- Ġesù tahom trattament speċjali: flimkien ma' Pietru huma kienu preżenti fil-qawmien mill-mewt ta' bint Ġajru, kif ukoll fit-trasfigurazzjoni u fl-agunija fil-Ġetsemani.
- Ġakbu ġeneralment hu msemmi t-tielet fil-lista tal-appostli.

- Lil S. Ġakbu qatgħulu rasu f'Ġerusalemm għall-ħabta tas-sena 42, taħt Erodi Agrippa. Hu l-ewwel wieħed mill-appostli li miet martri għal Ġesù.
- Sa mis-seklu 9 Spanja tiftaħar li l-fdal tal-qaddis (li huma jsejħulu Sant Jago) jinsabu f'Compostella, u l-pellegrinaġġi lejn Santjago ta' Compostella kienu saru famużi ħafna fiż-żminijiet tan-nofs.
- Fil-gżejjer tagħna għandna diversi knejjes iddedikati lil dan l-appostlu, fosthom dik tal-Belt Valletta, dik ta' Ħaż-Żabbar, u dik tar-Rabat Għawdex.

**Riflessjoni mill-Imitazzjoni ta' Kristu, l-1 Ktieb, kap. 18:**
"Kemm taħbit kbir raw l-appostli, il-martri, il-konfessuri, il-verġni u dawk kollha li mxew fuq il-passi ta' Kristu! Bagħdu r-ruħ tagħhom fid-dinja, biex jistgħu jgawduha fil-ħajja ta' dejjem. U l-eremiti? ... X'ħajja mġebbda u qalila għaddew fid-deżert! X'tentazzjonijiet twal u qliel għaddew minnhom! Kemm inkihom u ħaqarhom l-għadu! Kemm talb imħeġġeġ kienu sikwit jagħmlu lil Alla! Kemm sawm aħrax samu! Kemm kellhom ħeġġa u ħrara għas-salvazzjoni ta' ruħhom! Kemm kellhom jitħabtu biex irażżnu l-vizzji tagħhom. U b'liema rabta kienu marbutin m'Alla, b'qalbhom u moħħhom!"

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 145, it-2 punt**
*Besides being especially loved by Jesus Christ, Saint James was also one of those most respected by the Apostles. In one of his epistles, Saint Paul informs us that Saint James is considered one of the pillars of the Church. Saint Paul, although chosen and enlightened by Jesus Christ in a miraculous manner, had a similarly high esteem and great respect for Saint James.*
*It is, therefore, quite proper that you pay him very special honor as one of the Apostles who was most enlightened about our holy religion. Because you have to instruct the children under your guidance concerning religion, ask through the intercession of this holy Apostle for the grace to understand it well.*



**TALBA**
**GĦALL-VOKAZZJONIJIET**

*O Alla, int għażilt lil*
*San Ġwann Battista De La Salle*
*biex jagħti edukazzjoni Nisranija*
*lit-tfal u liż-żgħażagħ;*
*qajjem fil-knisja tiegħek*
*Brothers u għalliema, nisa u rġiel*
*li jingħataw b'qalbhom kollha biex*
*jedukaw lit-tfal u liż-żgħażagħ,*
*sew bħala bnedmin u sew bħala Nsara.*
*B'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*li hu Alla u miegħek jgħix u jsaltan*
*flimkien mal-Ispirtu s-Santu,*
*għal dejjem ta' dejjem,*
*Ammen*

**Missierna ...**

**Il-Ħadd, is-26 ta' Lulju**
**Is-17-il Ħadd taż-Żmien Matul is-Sena**
Sant'Anna u San Ġwakkin

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

1. 1Slaten 3: 5,7-12 — Qiegħed nagħtik moħħ għaref u għaqli.
2. Salm 118 : 57,72,76,77,127-130 — Kemm inħobbha l-liġi tiegħek, Mulej.
3. Rumani 8: 28-30 — Ippredestinana biex nieħdu sura xbieha ta' Ibnu.
4. Mattew 13: 44-46 jew 52) — Imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa.

**Riflessjoni fuq il-Vanġelu:**

- Hemm sigriet li jagħmel id-differenza bejn il-mod kif jevalwa l-ħajja wieħed li ma jemminx u wieħed li jemmen. Fl-isfond tal-parabbola tal-lum, dak tal-ewwel jiġġudika skont il-kriterji komuni għax jara art tajba, mentri l-ieħor għax jaf x'teżor kbir hemm moħbi fl-għalqa jasal biex jiftaqar basta jakkwistaha.
- Dak li jagħmel id-differenza hu t-teżor moħbi taħt il-ħamrija fl-għalqa tad-dinja, għalqa li ma tantx tidher interessanti. Hu l-ġawhra prezzjuża li tibdillek ħajtek imma tinsab mitfugħa mal-imbarazz fil-bażar tal-istorja.
- Jinstabu biss jekk inkunu xprunati minn xewqa kbira ta' tfittxija, jekk għajnejna jkunu miftuħa u moħħna attent biex jifhmu x'hemm lest għalina. Imbagħad bħal Salamun, ir-re żagħżugħ li fl-ewwel qari jaf jitlob lil Alla l-aħjar ħaġa li mhix il-ħajja twila jew ir-rebħa fuq l-għedewwa imma moħħ għaref kapaċi jiddixxerni l-ġustizzja u l-verità.
- It-teżor moħbi, l-ġawhra prezzjuża hi s-saltna tas-sema: hekk jgħidilna Ġesù li bi kliem li jfakkarna f'ġurnata bnazzi bis-sema ikħal u x-xemx tiddi, jew fix-xita fuq art niexfa. Kliem misterjuż li ma nifhmuhx għal kollox. Biex nifhmuh jgħinna l-kliem ta' San Pawl fl-ewwel qari "*nafu li Alla ma dawk li jħobbuh, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom. Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu...lil dawk li ppredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, igglorifikahom ukoll"* (Rum. 8:28-30). Din hi s-saltna t'Alla – hi l-manifestazzjoni tal-ġenerożità kbira tal-volonta t'Alla fl-istorja tal-bniedem, il-glorifikazzjoni tal-bniedem u tal-ħolqien kollu, ħolma anzi proġett sabiħ li Alla ddeċieda li jwettaq u li fih investa l-enerġija u l-kapaċità tiegħu kollha anzi lilu nnifsu kollu kemm Hu. Dan ifisser li Alla mhux biss iħobbna imma jemmmen fina, fil-possibiltajiet tagħna u bħala amministratur divin jinvesti fina t-teżori tiegħu mingħajr garanziji jew prekawzjonijiet insomma mingħajr biża' li jitlef għax min iħobb dejjem ikun jaf xi jrid u jwassal kollox sat-tmiem, fiċ-ċirkostanzi kollha u akkost ta' kollox. Il-problema hi dik li nemmnu aħbar tant sabiħa li donnha mhix vera; min ma jibżax jirriskja xi fit – għaliex ir-riskju hu inevitabbli fl-affarijiet importanti tal-ħajja – illum jew għada jsib it-teżor moħbi.

- Għalhekk l-għalqa żdingata mimlija inkwiet u tbatija kif kienet tidher ħajtu, il-ġawhra falza li kienet iġġib biss delużjonijiet fil-proġetti, ħolm u xewqat moħbija, kif kienet tidher il-ġrajja ta' ħajtu; jinbidlu fi ġnien mimli fjuri u frott, u f'ġawhra prezzjuża li tleqq u tiddi l-glorja t'Alla.
- Nafu li dan hu kliem diffiċli biex jinftiehem. Min qatt ma ħass lil xi ħadd li ma jemminx u li jaħseb li jaf kollox, jittrattah ta' tifel żgħir jew ta' bniedem baħnan li jibla' kollox? Id-dinja tagħna, it-teżori ma taħbihomx anzi turihom u tirrekklamhom tant li kulħadd jaf il-prezzijiet tagħhom: ma nistagħġbux allura li t-teżor moħbi ta' Alla ma jinteressa lil ħadd, lanqas lid-dipartimenti tal-finanzi.
- Madankollu Alla ma jgħejja qatt jaħbih fil-qalb tad-dinja u tal-bniedem għaliex mhu veru xejn li t-teżori huma rari. Alla jiżragħhom fid-dinja kif il-bidwi jiżra' ż-żerriegħa tajba fl-għalqa, bl-istess ġenerożità u ħela, mingħajr kejl. Jekk imbagħad it-teżor jibqa' moħbi taħt l-art paċenzja! Xi darba jkun hemm xi ħadd li jsibu.
- Imbagħad id-dinja timtela bl-għaġeb kif ġara u jibqa' jiġri minħabba dawn l-irġiel u nisa rari u prezzjużi li jafu tajjeb li m'hemm xejn li jagħmel iktar sens mill-ħolma tal-bluha t'Alla: huma l-qaddisin li mingħajrhom id-dinja ssir tixbaħ għalqa żdingata, issir illużjoni qarsa.

*Minn 'La Realtà é Cristo, Don Davide Rota*

**SANT'ANNA U SAN ĠWAKKIN - il-ġenituri tal-Imqaddsa Verġni Marija**

- ❖ Illum taħbat il-festa ta' Sant'Anna u San Ġwakkin u jixraq li nsemmuhom għalkemm jaħbat il-Ħadd.
- ❖ L-ismijiet ta' dawn il-qaddisin ma nsibuhomx fil-vanġeli awtentiċi iżda fil-protoevanġelju ta' Ġakbu, ktieb apokrifu iżda influwenti ħafna, li nkiteb madwar is-sena 165. F'dan il-ktieb insibu li Anna (li bil-Lhudi tfisser grazzja) u Ġwakkin (li bil-Lhudi jfisser Jaħweh qed jipprepara), it-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien, imma wlied ma kellhomx. Għalhekk huma għamlu wegħda li jekk ikollhom tarbija joffruha lil Alla. Il-ġrajja ta' ġenituri anzjani li kellhom ulied fi xjuħithom insibuha diversi drabi fit-Testment il-Qadim, kif ukoll fit-Testment il-Ġdid fil-każ tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista. Dan ifisser l-indħil speċjali ta' Alla fit-tnissil ta' dik it-tarbija billi jkun irid minnha missjoni speċjali.
- ❖ Fil-każ tal-Madonna, it-tnissil tagħha kien verament wieħed speċjali mhux biss għax kienet immakulata, imma wkoll għax minnha kellu jitwieled il-mixtieq Messija.
- ❖ Id-devozzjoni lejn Santa Anna hi qadima fil-knisja. Fis-seklu sitta Ġustinjanu ddedika knisja lil S. Anna f'Kostantinopli. Il-qima lejn S. Ġwakkin bdiet fil-Lvant madwar żewġ sekli wara.
- ❖ Il-fundatur tal-M.U.S.E.U.M. San Ġorġ Preca kien devot ħafna ta' Santa Anna, li ġenjalment kien iħobb isejħilha n-nanna ta' Ġesù. Kien bil-pariri tiegħu li l-knisja ġdida tagħha ta' Wied il-Għajn, l-unika parroċċa fil-gżejjer tagħna tibqa' ddedikata lil din qaddisa, omm il-Verġni Mbierka. Hu xerred id-devozzjoni lejha u kellu jmut proprju fil-festa tagħha, fis-26 ta' Lulju 1962.
- ❖ Fid-Dwejra Għawdex, limiti tal-paroċċa ta' San Lawrenz, insibu kappella żgħira ddedikata lil din il-qaddisa, u ħafna jmorru jinvistaw din il-kappella,

speċjalment dawk li jkunu ser isiru ommijiet jew l-koppja b'ringrazzjament għall-wild tagħhom.

**Riflessjoni:**
*"Il-familja hija l-fondazzjoni tas-soċjetà. Fiha diversi ġenerazzjonijiet jiltaqgħu flimkien u jgħinu 'l xulxin biex jikbru fl-għerf u jarmonizzaw id-drittijiet personali mal-bżonnijiet tal-ħajja soċjali."* Kostituzzjoni Pastorali fuq il-Knisja f'dinja Moderna, nru. 52

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 146, l-1 punt**
*According to Saint John Damascene, Saint Anne, the wife of Saint Joachim, was childless for twenty years. In this way God wished to make her understand that the child she would bring into the world would be a gift of grace. She spent these twenty years in all sorts of exercises of piety, and, as far as she was able, she gave generous alms to the poor, so that sterility of her soul would not be added to that of her body. This is the concern of a soul who wishes to receive an abundance of grace.*
*Take care not to remain in a sterility that can rob you of a taste for prayer and an attraction for God. See that your days are full, as Holy Scripture says, by practicing good works of the kind God asks of you in your profession. This is the way to be happy in it and to please God.*



**TALBA**
*Twajba Sant'Anna*
*inti kont mogħnija minn Alla*
*biex tkun omm l-Imqaddsa Verġni Marija,*
*omm is-salvatur.*
*Bil-qawwa tiegħek u ta' bintek, wisq pura,*
*u binha divin,*
*agħtina l-grazzja li nixtiequ.*
*Iksbilna l-maħfra tad-dnubiet,*
*il-qawwa biex naqdu dmirijietna sew u*
*l-għajnuna li għandna bżonn*
*biex nibqgħu fl-imħabba ta' Ġesù u Marija.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**It-Tnejn, is-27 ta' Lulju**
San Xmun Stilita
Santa Venera – verġni u martri
Santa Maria Maddalena Martinengo – verġni
Il-Beatu Titu Brandsma – presbiteru u martri
Il-Beata Maria della Passione

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 13: 1-11 | Dan il-poplu jiġrilu bħal dan il-ħżiem li ma jiswa għal xejn. |
| 2. Sam Dewteronomju 32: 18-21 | Int insejt lil Alla, li nisslek. |
| 3. Mattew 13: 31-35 | Iż-żerriegħa tal-mustarda ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-friegħi tagħha |

**IL-BEATA MARIA DELLA PASSIONE (1866-1912)**

- Il-Beata Marija tal-Passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesù, tal-istitut tas-Sorijiet Kruċifissi Adoratriċi tal-Ewkaristija, twieldet fit-23 ta' Settembru 1866 f'Barra, Napli (l-Italja). Il-ġenituri tagħha Leopoldo Tarallo u Concetta Borriello semmewha Maria Grazia, u kienet it-tieni minn seba' wlied ta' familja tat-tajjeb.
- Għaddiet tfulitha u żgħożitha f'ħajja ta' tjieba, u minn kmieni wriet ġibda għal ħajja qaddisa.
- Ta' 25 sena, għelbet l-oppożizzjoni qawwija tal-ġenituri tagħha, u fl-1891 daħlet fil-monasteru tas-Sorijiet Crocefisse Adoratrici dell'Eucaristia f'San Giorgio fi Cremano, qrib beltha.
- Laqgħetha l-fundatriċi Maria Pia tas-Salib, li kienet waqqfet dak il-monasteru sena qabel. Skop ewlieni tal-kongregazzjoni kien it-tpattija għad-dnubiet tad-dinja, fi żmien meta l-mażunerija kienet fl-aqwa tagħha u r-reliġjon kienet imħabbta b'kull mod.
- Dawn is-sorijiet kellhom devozzjoni speċjali lejn il-passjoni ta' Kristu u lejn id-duluri tal-Verġni Marija, bl-adorazzjoni perpetwa ta' Ġesù Sagramentat.
- Maria Grazia, li isimha fil-professjoni tagħha nbidlilha f'Maria della Passione, ħaddmet b'ħeġġa kbira għall-ispirtu tal-kongregazzjoni, u bil-mod il-mod saret vera vittma riparatriċi u kienet toffri t-talb u s-sofferenzi kollha tagħha għall-qdusija tas-saċerdoti.
- Fl-1910, ġiet maħtura majjistra tan-novizzi, ħidma li hija wettqet bi mħabba u dedikazzjoni kbira.
- Sa minn żmien qabel hija kellha viżjonijiet, estasijiet, l-istigmata, kellha d-don li taqra l-qlub u tagħmel profeziji, kif ukoll ħafna assalti mix-xitan, li ġibdu fuqha l-attenzjoni tan-nies ta' żmienha, u li komplew kabbru l-fama tagħha ta' qdusija.
- Ġesù taha l-kliem *Verbum Dei Caro Factum Est* bħala arma kontra l-ħafna assalti tax-xitan.

- Swor Maria della Passione kienet tgħaddi ljieli twal fit-talb u l-penitenzi.
- Hija mietet f'San Giorgio a Cremano fis-27 ta' Lulju 1912, fl-għomor ta' 46 sena, 50 sena qabel il-mewt ta' San Ġorġ Preca li lejha kien miġbud ħafna minħabba li minnha tnisslet fih id-devozzjoni lejn il-kliem għażiż *Verbum Dei Caro Factum Est*.
- Ġiet iddikjarata beata f'Napli fl-14 ta' Mejju, 2006.

**Riflessjoni:**
Int Alla tiegħi, inti sultan għal dejjem, u s-saltna tiegħek mhix waħda mislufa. Meta fil-Kredu jingħad il-kliem: "is-saltna tiegħek ma jkollhiex tmiem", tista' tgħid dejjem nimtela bl-hena. Infaħħrek, Mulej, u nbierkek, u l-ħwejjeġ kollha jfaħħruk għal dejjem, għax saltnatek tibqa' għal dejjem. Santa Tereża ta' Ġesù

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med.12, l-1 punt**
*In today's Gospel Jesus Christ declares that the kingdom of heaven is like a grain of mustard seed, which is the smallest of all seeds but which, however, when it has grown, becomes a tree such that the birds of the sky come to rest in its branches.*
*The same can be said of something done out of obedience, even though it may be quite insignificant in appearance; it is, nevertheless, quite considerable, because it is done out of obedience. Eating, for instance, gathering up the crumbs remaining on the table, or sweeping a room, washing dishes, attaching a pin: all such tasks seem to be trifles in themselves, but when performed through obedience, they become highly significant actions, because their object is God, whom we obey in performing them.*
*As a result, this virtue, more than any other, can be associated with the theological virtues, for faith is its principle and guide. It is always accompanied by hope and confidence in God, and it is a result of charity and the pure love of God.*

**TALBA**



*Sinjur Alla, int ħlaqtna biex inservuk,*
*u għalhekk għarraftna u tgħarrafna l-volontà tiegħek*
*biex intemmuha b'qalbna kollha,*
*u bil-ħsibijiet tagħna kollha,*
*u wgħedt lill-fidili tiegħek*
*il-kuruna tal-ġustizzja li ma tintemmx.*
*Ir-raġuni weħedha ma tagħrafx f'kollox il-volontà tiegħek,*
*iżda quddiem il-ġrajja ma tlaqlaqx*
*għax tara biċ-ċar il-volontà tiegħek.*

San Ġorġ Preca

**Missierna ...**

**Nitolbu għal**
Bro. Simplide Augustin Mifsud (1967)
**Agħtihom Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...**

**It-Tlieta, it-28 ta' Lulju**
Santa Alfonsa Muttathupadatu
Il-Beatu Ġwann Soreth - presbiteru
Il-Beata Marija Tereża Kowalski - martri tal-persekuzzjoni nażista fil-Polonja
Il-Beata Mattia de Nazarei - verġni

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 14: 17-22 | Ftakar! Tisksirx il-patt tiegħek magħna. |
| 2. Salm78: 8,9,11,13 | F'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek Mulej, eħlisna. |
| 3. Mattew 13: 36-43 | Bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-dinja. |

**SANTA ALFONSA MUTTATHUPADATU (1910-1946) - reliġjuża**

- Alfonsa, li qabel ma daħlet reliġjuża kien jisimha Anna, twieldet minn familja kattolika fl-Indja. Tilfet 'l ommha meta kellha biss tliet xhur u bdiet tieħu ħsiebha oħt ommha. Sa minn ċkunitha kienet turi mogħdrija u mħabba kbira lejn il-foqra u l-batuti u xtaqet tiddedika ħajjitha għalihom. Imma zitha kellha pjanijiet oħra għaliha.
- Meta kibret biżżejjed, għażlulha l-għarus u saru l-arranġamenti meħtieġa biex iżewġuha. Din il-ħaġa inkwetat ħafna lit-tfajla u ddeċidiet li tħarbat kollox. Ġieha f'rasha li ddaħħal sieqha fin-nar u ħarqitha tant li sfiguratha.
- Ta' 18-il sena (2 t'Awwissu 1928) daħlet mas-Sorijiet Klarissi fejn tawha l-isem ta' Alfonsa Marija. Kienet kważi mibgħuta 'l barra mill-kunvent għax kienet dejjem marida, iżda Alla riedha tibqa' miġbura fejn kienet u malajr biddel il-fehma tas-superjuri.
- Fis-sodda għal ħajjitha, imkabra b'uġigħ qawwi, kultant bil-malarja, ulċera f'riġlejha, emoraġija, eċċ., bħal Santa Tereża tal-Bambin Ġesù, il-mudell li għażlet hija stess, Alfonsa għexet kull mument ta' ħajjitha bħal tifla żgħira, b'fiduċja u b'telqa ta' mħabba fir-rieda ta' Alla.
- Ġieli talbet għal aktar sofferenzi. Tant hu hekk li meta darba semgħet li wieħed isqof kien marid, Alfonsa talbet lil Ġesù biex il-mard u d-deni tal-isqof jgħaddu fuqha għax, irraġunat, *"Jiena ma nista' nagħmel xejn iżjed ħlief insofri; għalhekk għandi nieħu fuqi dak id-deni wkoll."* U t-talba tagħha kienet mismugħa.
- Imma s-superjura pperswadietha titlob ukoll għall-fejqan, u Alfonsa, b'ubbidjenza, talbet permezz ta' novena lir-ruħ tajba ta' Fr. Elias Chavara. Fl-aħħar tan-novena, Fr. Chavara dehrilha u fejjaqha b'mod tassew mirakoluż. Dan is-saċerdot Indjan kellu jiġi bbeatifikat flimkien magħha.
- F'għajnejn xi nies, il-ħajja ta' Alfonsa kienet moħlija u bla skop għax ma wettqet xejn speċjali. Kull ġurnata li tgħaddi kienet biss ġurnata ta' sofferenzi bħall-oħrajn. U biex iżjed titnikket f'qalbha, Alfonsa kienet ħafna drabi mifhuma ħażin minn dawk stess li kienu jduru biha, anki minn wieħed predikatur tal-irtiri u saħansitra mill-istess superjuri tagħha.

- Bla ma tgerger, waqt li żżomm kollox f'qalbha u ssofri kollox għal Ġesù, hija kienet propju tinfena rqiq irqiq. Kienet tgħid: "*Kull ġurnata li fiha jiena ma nsofrix għall-Mulej, dik tkun ġurnata mitlufa."*
- Swor Alfopna Muttathupadatu mietet fit-28 ta' Lulju 1946, 13-il ġurnata qabel ma għalqet 36 sena. Sa minn wara mewtha, eluf kbar ta' pellegrini minn kull naħa tal-Indja, Insara, Indus u oħrajn bdew iżuru l-qabar tagħha biex jitolbuha.
- Kienet ibbeatifikata mill-Papa Ġwanni Pawlu II waqt vjaġġ appostoliku fl-Indja, fl-1986. Kienet iddikjarata qaddisa mill-Papa Benedittu XVI.

**Riflessjoni:**
Hawn tinsab dehra ċara ta' dak li għad iseħħ fil-Jum tal-Ġudizzju, meta għad naraw il-maestà ta' dan is-sultan u l-ħruxija tiegħu mal-ħżiena. Hawn insibu l-umiltà vera, li tagħti l-qawwa lir-ruħ biex tagħraf id-dgħufija tagħha għax ma tkunx tista' ma tagħrafhiex. Hawn insibu l-mistħija u l-indiema sħiħa tad-dnubiet kollha, għax meta tara l-imħabba kbira tal-Mulej għaliha, ir-ruħ ma tkunx taf fejn taqbad tistaħba, hekk li tħossha mxejna fiha nfisha.
Ngħid li meta l-Mulej jogħġbu juri lir-ruħ hekk bil-kbir is-setgħa u l-maestà tiegħu, din il-viżjoni għandha qawwa hekk kbira illi naħseb li ħadd ma jkun jista' jiflaħ għaliha, li kieku ma jkunx il-Mulej innifsu li jogħġbu jgħin lir-ruħ b'mod l-aktar sopranaturali billi joħroġha minnha nfisha f'rapiment jew estasi, li fl-hena tal-preżenza divina tintilef il-viżjoni tagħha. Santa Tereża ta' Ġesù

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 1, silta mill-1 punt**
Speaking of the Last Judgment in today's Gospel, Jesus Christ says that all people will see the Son of Man coming on a cloud with great power and majesty. The regal aspect in which Jesus Christ will appear and the great power he will display when he comes to judge the world ought to make us fear his coming. This is what Saint Jerome says, commenting on these words of the Prophet Malachy: Who can think of the day of his coming? If no one dares think of the day of the Last Judgment, because of the majesty and power of him who will be the judge, who will be able to endure the strictness of his judgment? This will be all the more difficult, he adds, because the One who will act as witness will also be the One who will judge; this is what ought to lead us to dread this judgment all the more.



**TALBA**

*O Alla, inti li tmexxina*
*u li tħarisna minn kull deni*
*fit-triq ta' din il-ħajja.*
*Urina t-triq tal-ġustizzja u l-imħabba,*
*ta' tjieba u paċi,*
*b'ibnek Ġesù Kristu sidna,*
*li jgħix u jsaltan miegħek u mal-Ispirtu s-Santu*
*għal dejjem ta' dejjem.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**L-Erbgħa, id-29 ta' Lulju**
Santa Marta

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. 1 Ġwanni 4: 7-16 | Jekk inħobbu 'l xulxin, Alla jgħammar fina. |
| 2. Salm 33: 2-11 | Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej. |
| 3. Ġwanni 11: 19-27 | Jien nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla. |
| *jew* | |
| Luqa 10: 38-42 | Marta, inti tieħu rasek u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ. |

**SANTA MARTA (l-ewwel seklu)**

- Santa Marta, oħtha Marija u ħuha Lazzru, kienu jgħixu f'Betanja, raħal xi tliet kilometri 'l bogħod minn Ġerusalemm. Jidher li kienu ħbieb ħafna ma' Ġesù, u kienu spiss jilqgħuh f'darhom. San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu jgħidilna b'mod partikulari li Ġesù kien iħobbhom (Ġn. 11:5).
- Marta aktarx li kienet il-kbira fost l-aħwa, isimha, bl-Aramajk ifisser "il-padruna tad-dar".
- Darba waħda, meta Ġesù kien għandhom, hi kienet imħabbta ħafna tnewwel u taqdi, waqt li Marija kienet bilqiegħda f'riġlejn Ġesù tisma' kliemu. Ħin minnhom talbet lil Ġesù jgħid lil Marija biex tmur tgħinha. Ġesù weġibha b'dik is-sentenza stupenda: "*Marta! Marta! Inti taħseb u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ; imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex"* (Lq. 10:41).
- Fil-Vanġelu nerġgħu niltaqgħu ma' Marta fl-okkażjoni tal-qawmien mill-mewt ta' Lazzru.
- Marta semgħet li Ġesù kien ġej għandhom, u marret tiġri tilqgħu meta kien għadu ftit 'il bogħod mid-dar.
- Qaltlu: "*Mulej, li kieku kont hawn, ħija ma kienx imut. Imma wkoll issa, naf li kull ma titlob lil Alla, Alla jagħtihulek*." Qalilha Ġesù: *"Ħuk iqum*". Qaltlu Marta: "*Naf li jqum, fil-qawmien, fl-aħħar jum."* Qalilha Ġesù: "*Jien hu l-qawmien u l-ħajja; u kull min hu ħaj u jemmen fija, ma jmut qatt. Temmen dan*?" "*Iva, Mulej*", qaltlu hi, "*Jien nemmen li int il-Messija, Bin Alla*, *li ġie fid-dinja*."
- Ġesù wasal għandhom meta Lazzru kien ġa ilu erbat ijiem midfun. Fl-aħħar Ġesù resaq lejn il-qabar fejn kien midfun Lazzru u ordna jneħħu l-ġebla li kienet tagħlaq id-daħla tal-qabar. Marta ħasbet li Ġesù ried jara 'l ħabibu għall-aħħar darba u qaltlu: "*Imma, Mulej, ilu ġa erbat ijiem mejjet".* Ġesù weġibha: "*Mela m'għedtlekx jien, li jekk temmen, tara l-glorja t'Alla?"* Hawnhekk id-dmugħ tan-niket ta' dawk preżenti nbidel fi dmugħ ta' ferħ għax għall-kelma ta' Ġesù, Lazzru qam mill-mewt (Ġw. 11:1-44).
- San Ġwann jerġa' jsemmi lil Marta waqt ikla li hi u ħutha għamlu lil Ġesù. Hemm ukoll insibu 'l Marta sservi.

**Riflessjoni:**
Dan huwa dak li rrid li nitħabtu għalih, ħuti, u mhux biex nimtlew bl-hena, iżda biex niksbu l-qawwa ħalli naqdu lill-Mulej: nixtiequ nimxu 'l quddiem dejjem fl-orazzjoni u nitħarrġu fiha, iżda ma neħdux triq li ħadd ma għadda minnha, għax jekk nagħmlu hekk, nitilfu kollox fl-aħjar waqt. U tkun ħaġa tassew ġdida għal kollox li naslu biex naħsbu li se jkollna dawn il-grazzji mingħand Alla f'xi triq li mhix dik li ħa hu nnifsu u li mxew fiha l-qaddisin kollha. Dan il-ħsieb lanqas biss għandu jgħaddi minn moħħna. Emmnuni: Marta u Marija jridu jimxu flimkien biex jilqgħu kif jixraq lill-Mulej u jibqgħu jżommuh dejjem għandhom, u mhux jilqgħuh ħażin billi jonqsu milli jagħtuh x'jiekol (Mt. 10, 38-39). Kif setgħet Marija tibqa' l-ħin kollu f'riġlejn Ġesù u fl-istess ħin tagħtih xi ħaġa x'jiekol, li kieku ma kienx hemm oħtha tgħinha? U l-ikel tal-Mulej huwa li dejjem niġbdu l-erwieħ lejh biex dawn isalvaw u jfaħħruh għal dejjem ...

Santa Tereża ta' Ġesù

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 147: 2**
*This saint (Saint Martha) was very grateful for such great favors, and every time that Jesus did her the honor to visit her, she devoted herself to prepare his meals and to serve him with all possible affection. So great was her eagerness to offer Jesus Christ this service that she even complained once that her sister, absorbed in listening to Jesus, did not bother to help her. She had nothing more at heart than to serve Jesus well. She even had such great esteem and such deep respect for Jesus that when he came to raise Lazarus to life, she went out quite a distance to welcome him.*
*Are you as eager for Communion as Saint Martha was to welcome Jesus into her home and to give him food from her resources? The respect you ought to show him when he comes to you consists in not tolerating in your heart any imperfection and in preparing your soul for him ahead of time with great devotion.*



**Talba**

*Verb etern,*
*kelma ta' Alla tiegħi,*
*irrid ngħaddi ħajti nisimgħek,*
*irrid noqgħod dejjem attenta*
*biex nitgħallem kollox mingħandek.*

Il-Beata Eliżabetta tat-Trinità – Karmelitana

**Missierna ...**

**Il-Ħamis, it-30 ta' Lulju**
San Pietru Krisologu - isqof u duttur
San Ġustinu de Jacobis - isqof

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 18: 1-6 | Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja, dar Iżrael. |
| 2. Salm 145: 2-6 | Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu. |
| 3. Mattew 13: 47-53 | Jiġbru fil-kannestri dak li hu tajjeb u jarmu l-ħażin. |

**SAN ĠUSTINO DE JACOBIS (1800-1860) - isqof**

- San Ġustinu twieled f'San Fele (Potenza, l-Italja) minn familja reliġjuża ħafna. Ta' 18-il sena daħal fil-Kongregazzjoni tal-Missjoni, u kien ordnat saċerdot fit-12 ta' Ġunju 1824 fi Brindisi.
- Mill-ewwel wera ħeġġa kbira missjunarja, speċjalment fost in-nies tal-kampanja tal-Italja t'Isfel. B'mod speċjali wera ċaħda erojka waqt il-kolera f'Napli (1836-37) li ħalliet 12,000 vittma. Mhux biss kien idur bil-morda, imma anki jġorrhom hu b'idejh għal Lazzaret.
- Is-Sagra Kongregazzjoni Propaganda Fide fl-1839 bagħtitu l-Etjopja bħala prefett appostoliku jwaqqaf il-missjoni f'dak il-pajjiż. Id-diffikultajiet tal-lingwa, il-klima tropikali, in-nuqqas ta' ikel, u l-perikli fil-vjaġġi ma qatgħulux qalbu biex iwettaq b'mod sħiħ il-programm tiegħu f'din l-art li saret it-tieni patrija tiegħu.
- Wettaq għadd kbir ta' konverżjonijiet, fosthom dik ta' Abba Ghebre Mika'el li, fl-1855, anki sofra l-martirju għall-fedeltà tiegħu lejn il-Knisja ta' Ruma, u llum hu magħdud mal-beati.
- Waqqaf ukoll seminarju għall-vokazzjonijiet indiġeni u diversi stazzjonijiet tal-missjoni. Kien ikkonsagrat isqof fit-8 ta' Jannar, 1849. Il-konverżjonijiet baqgħu jiżdiedu u, fl-1853, kellu l-ferħ jordna ħames saċerdoti Etjopiċi.
- Imma qamet persekuzzjoni kontrieh, u f'Lulju 1854 l-isqof qaddis tefgħuh il-ħabs flimkien ma' għadd ta' dixxipli. Wara kien eżiljat. Imma hu pprova jirritorna fost l-Insara tiegħu. Telaq bil-mixi mix-xatt fejn niżel, imma ma felaħx ikompli l-vjaġġ.
- Miet fil-31 ta' Lulju 1860 wara li rrakkomanda lil ta' madwaru l-għaqda fraterna u mħabba u ubbidjenza lejn il-papa.
- Kien iddikjarat beatu f''Ġunju 1939, u qaddis f'Ottubru 1975.

**Storja ta' SAN ĠUSTINU DE JACOBIS li seħħet hawn Malta:**
Ġrajja ta' dan il-qaddis, marbuta mal-Ewkaristija.
Patri de Jacobis telaq lejn l-Etjopja f'Mejju 1839. Huwa u sejjer lejn din l-art, u preċiż fit-22 ta' Mejju 1839, daħal fil-port ta' Malta.
L-għada filgħodu San Ġustinu u sħabu niżlu l-art biex iqaddsu. Waqt il-quddiesa tal-qaddis deher viżibilment fuq l-altar Ġesù Bambin mill-elevazzjoni sakemm il-qaddis tqarben.

Dan li qed ngħidu wieħed jista' jaqra fuqu fil-ktieb ta' Salvatore Pane C.M., *Vita del Beato Giustino de Jacobis*, maħruġ f'Napli fl-1949, f'paġna 152.
Wieħed minn sħab il-qaddis, Patri Reygasse, f'ittra li kiteb lis-superjuri, hekk ħalla miktub dwar dan il-fatt li għadna kemm semmejna: "*Meta wasalna Malta, patri Pousson u jiena morna sabiex inqaddsu. Wara xtaqna nissodisfaw il-kurżità billi mmorru naraw l-oqbra tal-granmastri tal-Ordni ta' San Ġwann. Dak il-waqt, il-patri de Jacobis kien qiegħed iqaddes u dam ftit inqas minn siegħa. Meta ħriġna mill-knisja, bqajna skantati meta rajna ħafna nies li kienu semgħu l-quddiesa tiegħu, ġejjin fuqna u saqsewna: 'Sinjuri, min hu dan il-qaddis li għandkom magħkom? Aħna smajna l-quddiesa tiegħu u rajna 'l-Bambin Ġesù fuq rasu, mill-elevazzjoni sat-tqarbin!' "* (Cf. *Summarium.* n.VI, p.1191).
L-ittra ta' Patri Reygasse, barra milli tikkonferma l-verità storika tal-ġrajja, turina wkoll li dan il-fatt aktarx ġara fil-Konkatedral ta' San Ġwann, il-Belt.
Fil-kitba tal-qaddis ma nsibu xejn fuq dan il-fatt, lanqas jidher mill-ittri tiegħu li hu qal bih lil xi ħadd minn sħabu, iżda, kif jaħseb il-kittieb ta' ħajtu Salvatore Pane stess, dan aktarx ġej mill-umiltà kbira li kellu.

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:**

**Collection of Various Short Treatises**

*Let your faith be active, be enlivened by charity, and detach you from all things. In other words, take great care to be always ready to lose all rather than God, to abandon all rather than the divine will, to sacrifice everything, honor, health, and life itself, for God's glory and interests, imitating Jesus Christ according to these words: "If anyone wishes to come after me, let him renounce himself, take up the cross, and follow me" [Mk16:24].*



**TALBA**

*O Alla,*
*l-ebda qawwa fid-dinja*
*ma tista' ssikket il-kelma tiegħek ta' mħabba.*
*Imwieled minn Verġni;*
*ikkundannat fuq salib*
*midfun fl-art*
*u mqajjem għall-glorja eterna.*
*Ferra fuq il-poplu tiegħek*
*dak l-ispirtu li ħeġġeġ l-ewwel dixxipli*
*bit-tifħir tiegħek u b'żelu biex ixandru l-vanġelu.*
*Dan nitolbuh bi Kristu Sidna*
*li jgħix u jsaltan mal-Ispirtu s-Santu.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**Il-Ġimgħa, il-31 ta' Lulju**
San Injazju ta' Loyola

*"Fl-isem tal-Missier li ħalaqni,*
*tal-Iben li fdieni u*
*tal-Ispirtu s-Santu li jqaddisni. Ammen."*

**Qari:**

| | |
|---|---|
| 1. Ġeremija 26: 1-9 | Il-poplu kollu nġabar madwar Ġeremija fit-tempju tal-Mulej. |
| 2. Salm 68: 5.8-10.14 | O Alla, weġibni, fil-kobor ta' tjubitek. |
| 3. Mattew 13: 54-58 | Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Mnejn kisbu dan kollu? |

**SAN INJAZJU TA' LOYOLA (1491-1556)**

- ❖ Injazju kien il-ħdax u l-aħħar wild ta' bniedem nobbli ta' Loyola. Huwa beda karriera militari iżda malajr spiċċat meta balla ta' kanun korrietu f'riġlu. L-għadam tqegħidlu ħażin u kellu jinkiser mill-ġdid. Injazju kellu 30 sena.
- ❖ Fil-konvalexxenza twila ma sabx x'jaqra ħlief Ħajja ta' Kristu u volum b'ħajjiet ta' qaddisin. Infetħet dinja gdida quddiemu u ra l-vojt tal-ambizzjoni tad-dinja.
- ❖ Dehra mill-Madonna bil-Bambin għamlitlu kuraġġ kbir. Injazju għamel vot tal-kastità, mar fil-knisja tal-Madonna ta' Montserrat, għamel qrara ġenerali u wara lejl talb ta l-armatura tiegħu ta' kavallier lil wieħed tallab.
- ❖ Huwa għadda 11-il xahar f'Manresa jgħin fi sptar, jagħmel penitenza, isofri minn skrupli, iħoss konsolazzjonijiet, jitlob u jikteb l-*Eżerċizzi Spiritwali*.
- ❖ Wara mawra fil-Palestina, Injazju għadda 11-il sena jistudja u ta' 43 iggradwa fl-Università ta' Pariġi.
- ❖ F'Montmartre fil-festa tal-Assunzjoni fl-1534, huwa u sitt sħabu ħadu l-voti tal-faqar u l-kastità u ntrabtu li jxandru l-vanġelu jew li jagħmlu dak li jgħidilhom il-Papa.
- ❖ Wara dan, il-grupp sar ordni reliġjuża iżda mingħajr il-ħtieġa tas-soltu li jitolbu l-uffiċċju divin flimkien fil-kor.
- ❖ Huma għandhom ukoll ir-raba' vot ta' ubbidjenza speċjali lejn il-Papa.
- ❖ San Injazju kien l-ewwel superjur ġenerali tal-Kumpanija ta' Ġesù, li dam imexxiha 15-il sena.

**Riflessjoni:**

Jekk Alla jagħtik ħsad kbir ta' provi huwa sinjal ta' qdusija kbira li hu jixtieq li int takkwista. Trid issir qaddis kbir? Itlob 'l Alla jibgħatlek ħafna tbatijiet. Il-fjamma tal-imħabba Divina qatt ma togħla minn meta tiġi mitmugħa bl-injama tas-salib, li l-imħabba infinita tas-salvatur użaha biex itemm is-sagrifiċju tiegħu. Il-pjaċiri tad-dinja mhuma xejn meta mqabbla mal-ħlewwa mal-morr u l-ħall li offrew lil Kristu. Dawn huma ħwejjeġ iebsa u ta' uġigħ li nsofru għal Ġesù Kristu u ma' Ġesù Kristu.

San Injazju ta' Loyola

**Meditazzjoni ta' San Ġwann Battista De La Salle:** **Med. 148, it-2 punt**

*This saint's (St. Ignatius of Loyola) zeal for the salvation of souls was so ardent that to do this work with greater skill and success, he began to study at the age of 33. He was living in a hospital all this time, begging alms and teaching catechism to*

*children and the poor. So generous was his zeal that he traveled one time from Paris to Rouen to help one of his companions who had stolen from him and then had fallen ill.*
*On another occasion, after he had noticed the hour when a dissolute young man used to satisfy his passion, he threw himself into a freezing pond and cried out that he would not get out unless the young man gave up his evil plan.*
*Your work will be of little value if you do not have as your purpose the salvation of souls. Does your zeal for the poor lead you to seek ways as effective as those used by Saint Ignatius? The more ardently you pray for the good of the souls entrusted to you, the more God will help you find the skill to touch their hearts.*



**TALBA**
**ta' San Injazju**

*Maħbub Ġesù,*
*għallimni nkun ġeneruż.*
*Għallimni naqdik kif jixraqlek;*
*li nagħti, mingħajr ma nibża' mill-ġrieħi;*
*li nitħabat, mingħajr ma nfittex is-serħan;*
*li nagħti minni nnifsi u mhux li nitlob ir-rigal;*
*ħlief ir-rigal li nkun naf li qed nagħmel ir-rieda tiegħek.*
*Ammen.*

**Missierna ...**

**JGĦIX ĠESU'**
**F'QALBNA !**
**GĦAL DEJJEM**

# It-Talba tas-Signum Fidei

Missierna li inti fis-smewwiet,
fil-providenza tiegħek,
inti għoġbok tagħżilni biex inkun Sinjal ta' Fidi
f'dinja mimlija konfużjoni u inċertezzi.

Ixgħel fija u fil-membri kollha tas-Signum Fidei,
spirtu qawwi ta' FIDI u ĠENEROŻITÀ,
ħalli meta niġi biex nikkommetti ruħi fl-appostolat,
nimxi fuq l-eżempju ta'
San Ġwann Battista De La Salle,
u ndawwal oħrajn,
biex huma wkoll jikkonsagraw ħajjithom,
ħalli jwasslu l-Vanġelu lid-dinja fl-edukazzjoni.

Bierek ix-xogħol ta' ħutna,
huma fejn huma, biex flimkien,
imdawwla bl-entużjażmu
tal-ispirtu tal-imħabba tiegħek,
insiru dejjem aktar il-melħ tad-dinja,
id-dawl tad-dinja, l-aktar fost il-fqar u,
dawk li jinsabu bogħod mis-salvazzjoni li inti toffri.

Ilqa' ġewwa dirgħajk lil ħutna
li telqu qabilna bis-sinjal tat-twemmin
u li issa jinsabu reqdin fil-paċi tiegħek.

Qed nitolbok dan,
permezz ta' Ġesù Kristu,
ibnek l-għażiż.
Ammen.

Direzzjoni: Min jixtieq tagħrif dwar is-Signum Fidei kkuntatjaw lil:
Signum Fidei,
Dar il-Frères,
Triq Antonio Sammut,
il-Gżira.
GŻR1563




**“Mulej, hawn jien quddiemek”**
***...Nitlob ma’ Brother Louis***

Fil-ġranet li ġejjin sejjer jiġi ppublikat ktejjeb ta’ talb minn Brother Louis Camilleri f.s.c..
**“Mulej, hawn jien quddiemek”**
**... Nitlob ma’ Brother louis**

Dan il-ktejjeb fih 132 paġna. Barra li għandu il-ħajja fil-qosor ta’ Brother Louis, għandu il-fuq minn 130 talba mill-pinna ta’ Brother Louis stess, l maġġoranza miktuba fl-aħħar snin ta’ ħajtu. Minn jixtieq jirriserva kopja, jista’ jibgħat e-mejl fl-indirizz eletroniku ta’ Bro. Saviour Gatt f.s.c.
**saviour.gatt@maltadiocese.org**